REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/541

tas-26 ta' Marzu 2021

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1305/2014 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u t-titjib tal-kalkolu u l-iskambju tad-*data* u l-aġġornament tal-proċess tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(11) tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jeżiġi li l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (l-"Aġenzija") tindirizza rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà ("TSIs") u r-reviżjoni tagħhom, skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2016/797, u li tiżgura li t-TSIs jiġu adattati għall-progress tekniku, ix-xejriet tas-suq u l-ħtiġijiet soċjali.

(2) F'konformità mal-Artikolu 13 tad-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 ([3]), ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 ([4]) ("TAF TSI") irid jiġi rivedut biex fost l-oħrajn jissimplifika l-proċedura għall-aġġornament tal-bażi teknika tiegħu skont il-proċess tal-Ġestjoni tal-Kontroll tat-Tibdil tat-TAF TSI u jiżviluppa, jirrevedi jew jissimplifika l-kontenut u l-istruttura tal-messaġġi definiti fit-TAF TSI b'rabta mal-iskambju tal-informazzjoni ma' sistemi jew operaturi oħra.

(3) Għal dan il-għan, fid-9 ta' Settembru 2020, l-Aġenzija indirizzat rakkomandazzjoni lill-Kummissjoni biex fit-TAF TSI jiġu introdotti speċifikazzjonijiet ġodda jew modifikati relatati mal-metodoloġiji u l-flussi tal-informazzjoni dwar il-Ħin Mistenni tal-Wasla, *data* ta' traċċar għall-klijenti u skambju tad-*data* ma' sistemi oħra, u biex jiġi aġġustat il-proċess tas-CCM.

(4) Ir-Regolament (UE) Nru 1305/2014 jenħtieġ jiġi emendat skont dan.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit f'konformità mal-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1305/2014 huwa sostitwit bit-test mogħti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2016/796 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 881/2004 (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 1).

([3]) Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mal-objettivi speċifiċi għall-abbozzar, l-adozzjoni u r-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (ĠU L 210, 15.8.2017, p. 5).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1305/2014 tal-11 ta' Diċembru 2014 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà fir-rigward tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għas-servizz tat-trasport tal-merkanzija" tas-sistema ferrovjarja tal-Unjoni Ewropea u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 62/2006 (ĠU L 356, 12.12.2014, p. 438).

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-26 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

WERREJ

1. INTRODUZZJONI 23
1.1. Taqsiriet 23
1.2. Dokumenti ta' Referenza 23
1.3. Ambitu tekniku 24
1.4. Ambitu Ġeografiku 24
2. DEFINIZZJONI TAS-SUBSISTEMA U TAL-AMBITU 24
2.1. Funzjoni fi ħdan l-ambitu tat-TSI 24
2.2. Funzjonijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tat-TSI 25
2.3. Ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjoni tas-subsistema 25
2.3.1. Proċessi Kkunsidrati 25
3. REKWIŻITI ESSENZJALI 26
3.1. Konformità mar-rekwiżiti essenzjali 26
3.2. Aspetti tar-rekwiżiti essenzjali 26
3.3. Aspetti relatati mar-rekwiżiti ġenerali 26
3.3.1. Sikurezza 26
3.3.2. Affidabbiltà u disponibbiltà 26
3.3.3. Saħħa 26
3.3.4. Ħarsien tal-ambjent 26
3.3.5. Kompatibbiltà teknika 27
3.3.6. Aċċessibbiltà 27
4. KARATTERIZZAZZJONI TAS-SUBSISTEMA 27
4.1. Introduzzjoni 27
4.2. Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema 27
4.2.1. *Data* tan-Nota ta' Konsenja 28
4.2.2. Talba għal Mogħdija u allokazzjoni tal-mogħdija 28
4.2.3. Preparazzjoni tal-Ferrovija 30
4.2.4. Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija 31
4.2.5. Informazzjoni dwar Interruzzjoni tas-Servizz 32
4.2.6. ETI/ETA tal-konsenja 32
4.2.7. Moviment tal-Vaguni 34
4.2.8. Skambju ta' *Data* għat-Titjib tal-Kwalità 35
4.2.9. Id-*Data* Ewlenija ta' Referenza 35
4.2.10. Diversi Fajls ta' Referenza u Bażijiet ta' *Data* 36
4.2.11. Networking u Komunikazzjoni 37

4.3. Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-interfaċċi 39
4.3.1. Interfaċċi mal-Infrastruttura tat-TSI 39
4.3.2. Interfaċċi mat-TSI tal-Kontroll/Kmand u tas-Sinjalar 39
4.3.3. Interfaċċi mas-subsistema tar-rolling stock 40
4.3.4. Interfaċċi mat-TSI operazzjoni u ġestjoni tat-traffiku 40
4.3.5. Interfaċċi mal-Applikazzjonijiet Telematiċi għas-Servizzi tal-Passiġġieri 40
4.4. Regoli operatorji 40
4.4.1. Kwalità tad-*data* 41
4.4.2. Operazzjoni tar-repożitorju ċentrali 42
4.5. Regoli dwar il-manutenzjoni 42
4.6. Kwalifiki professjonali 42
4.7. Kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza 42
5. KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABBILTÀ 43
5.1. Definizzjoni 43
5.2. Lista ta' Kostitwenti 43
5.3. Prestazzjonijiet u Speċifikazzjonijiet tal-Kostitwenti 43
6. VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U/JEW TAL-IDONEITÀ GĦALL-UŻU TAL-KOSTITWENTI U VERIFIKA TAS-SUBSISTEMA 43
6.1. Kostitwenti tal-Interoperabbiltà 43
6.1.1. Proċeduri ta' Valutazzjoni 43
6.1.2. Modulu 43
6.2. Subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija 43
6.2.1. Valutazzjoni tal-konformità tal-għodod tal-IT 43
7. IMPLIMENTAZZJONI 44
7.1. Introduzzjoni 44
7.2. Ġestjoni tat-Tibdil 45
7.2.1. Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil 45
7.2.2. Proċess Speċifiku ta' Ġestjoni tat-Tibdil għad-dokumenti elenkati fl-Appendiċi I ta' dan ir-Regolament 45
Appendiċi I - Lista ta' dokumenti tekniċi 47
Appendiċi II - Glossarju 48
Appendiċi III - Kompiti li għandhom jitwettqu mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (NCP) tat-TAF/TAP 56

1. **INTRODUZZJONI**

1.1. **Taqsiriet**

Tabella 1

Taqsiriet

Taqsira	Definizzjoni
CI	Interfaċċa Komuni
KE	Kummissjoni Ewropea
ERA	Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji (imsejħa wkoll l-Aġenzija)
IM	Maniġer tal-Infrastruttura
ISO	Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandardizzazzjoni
LCL	Tagħbijiet Inqas minn Kontejner
LRU	Impriża Ferrovjarja Ewlenija
RISC	Kumitat għall-Interoperabbiltà u għas-Sikurezza Ferrovjarja
RU	Impriża Ferrovjarja
TAF	Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija
TAP	Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Passiġġieri
TCP/IP	Protokoll tal-Kontroll tat-Trażmissjoni/Protokoll tal-Internet
TSI	Speċifikazzjoni Teknika ta' Interoperabbiltà
WK	Detenturi tal-Vaguni

1.2. **Dokumenti ta' Referenza**

Tabella 2

Dokumenti ta' referenza

Nru ta' Ref.	Referenza tad-Dokument	Titolu	L-Aħħar Ħarġa
(1)	Id-Direttiva (UE) 2016/797	Id-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 44).	27.5.2020
(2)	Ir-Regolament (UE) Nru 454/2011 dwar it-TSI dwar it-TAP	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 454/2011 tal-5 ta' Mejju 2011 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi għal servizzi tal-passiġġieri" tas-sistema ferrovjarja trans-Ewropea (ĠU L 123, 12.5.2011, p. 11).	27.5.2019
(3)	Id-Direttiva 2012/34/UE	Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).	14.11.2017
(4)	ERA-TD-105	TSI dwar it-TAF — ANNESS D.2: APPENDIĊI F — MUDELL TAD-*DATA* U TAL-MESSAĠĠI TAT-TSI dwar it-TAF.	

(5)	Ir-Regolament Nru 62/2006 dwar it-TSI dwar it-TAF	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 62/2006 tat-23 ta' Diċembru 2005 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika għall-interoperabbiltà relatata mal-applikazzjonijiet telematiċi għas-subsistema tas-sistema ferrovjarja konvenzjonali trans-Ewropea (ĠU L 13, 18.1.2006, p. 1).	18.1.2006
(6)	C(2010)2576 final	Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' April 2010 dwar mandat għall-Aġenzija Ferrovjarja Ewropea sabiex tiżviluppa u tirrieżamina l-Ispeċifikazzjonijiet Tekniċi għall-Interoperabbiltà bl-għan li testendi l-ambitu tagħhom għas-sistema ferrovjarja kollha tal-Unjoni Ewropea.	29.4.2010
(7)	Id-Direttiva (UE) 2016/798	Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).	26.5.2016
(8)	Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474	Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2017/1474 tat-8 ta' Ġunju 2017 li tissupplimenta d-Direttiva (UE) 2016/797 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill b'rabta mal-objettivi speċifiċi għall-abbozzar, l-adozzjoni u r-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà (ĠU L 210 15.8.2017, p. 5).	15.8.2017

1.3. **Ambitu tekniku**

Din l-Ispeċifikazzjoni Teknika ta' Interoperabbiltà (minn hawn 'il quddiem imsejħa t-TSI dwar it-TAF) tikkonċerna l-element "applikazzjonijiet għas-servizzi tal-merkanzija" tas-subsistema "applikazzjonijiet telematiċi" inklużi fil-qasam funzjonali tal-lista fl-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/797 u deskritti fit-taqsima 2.6(b) ta' dak l-Anness.

L-iskop ta' din it-TSI dwar it-TAF huwa li tiżgura l-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni billi tistabbilixxi l-qafas tekniku, sabiex jinkiseb proċess ta' trasport li jkun ekonomikament vijabbli kemm jista' jkun. Tkopri l-applikazzjonijiet għas-servizzi tal-merkanzija u l-ġestjoni ta' konnessjonijiet ma' modi oħra tat-trasport, li jfisser li hija tikkonċentra fuq is-servizzi tat-trasport ta' RU flimkien mal-operazzjoni pura tal-ferroviji. L-aspetti tas-sikurezza jitqiesu biss sa fejn jeżistu l-elementi tad-*data*; il-valuri ma jkollhom l-ebda impatt fuq l-operazzjoni sikura ta' ferrovija u konformità mar-rekwiżiti tat-TSI dwar it-TAF ma tistax titqies bħala konformità mar-rekwiżiti dwar is-sikurezza.

It-TSI dwar it-TAF għandha wkoll impatt fuq il-kundizzjonijiet tal-użu tat-trasport ferrovjarju mill-utenti. F'dan ir-rigward, it-terminu "utenti" ma jfissirx biss maniġers tal-infrastruttura jew impriżi ferrovjarji iżda anki l-forniturі l-oħra kollha tas-servizzi bħall-kumpaniji tal-vaguni, l-operaturi intermodali u anki l-klijenti.

1.4. **Ambitu Ġeografiku**

It-TSI għandha tapplika għan-network tal-Unjoni kif iddefinit fit-Taqsima 1 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2016/797.

2. **DEFINIZZJONI TAS-SUBSISTEMA U TAL-AMBITU**

2.1. **Funzjoni fi ħdan l-ambitu tat-TSI**

Is-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija hija definita fit-Taqsima 2.6(b) tal-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/797.

B'mod partikolari, din tinkludi:

— applikazzjonijiet għas-servizzi tal-merkanzija, li jinkludu sistemi ta' informazzjoni (monitoraġġ f'ħin reali tal-merkanzija u tal-ferroviji),

— sistemi ta' marshalling u ta' allokazzjoni, li fihom sistemi ta' sottoallokazzjoni tinftiehem bħala l-kompożizzjoni tal-ferroviji,

— is-sistemi ta' riżervazzjoni, li biha hawnhekk wieħed jifhem ir-riżervazzjoni tal-mogħdijiet tal-ferrovija,

— il-ġestjoni tal-konnessjonijiet ma' modi oħra tat-trasport u l-produzzjoni ta' dokumenti elettroniċi ta' akkumpanjament.

2.2. Funzjonijiet li ma jaqgħux fl-ambitu tat-TSI

Is-sistemi ta' ħlas u ta' fatturazzjoni għall-klijenti mhumiex fl-ambitu ta' din it-TSI, u lanqas ma huma tali sistemi ta' ħlas u ta' fatturar bejn diversi fornituri ta' servizzi bħall-impriżi ferrovjarji jew il-maniġers tal-infrastruttura. Madankollu, id-disinn tas-sistema wara l-iskambju tad-*data* f'konformità mal-Kapitolu 4.2 (L-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema) jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa bħala bażi għall-ħlas li jirriżulta mis-servizzi tat-trasport.

L-ippjanar fit-tul tal-iskedi ta' żmien jaqa' barra mill-ambitu ta' din it-TSI dwar l-Applikazzjonijiet Telematiċi. Madankollu, f'xi punti se jkun hemm referenza għall-eżitu tal-ippjanar fit-tul sakemm ikun hemm relazzjoni mal-iskambju effiċjenti ta' informazzjoni meħtieġa għall-operazzjoni tal-ferroviji.

2.3. Ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjoni tas-subsistema

2.3.1. *Proċessi Kkunsidrati*

Meta jitqiesu l-ħtiġijiet ta' Klijent, wieħed mis-servizzi huwa li l-linja tat-trasport tiġi organizzata u amministrata f'konformità mal-kuntratt bejn l-Impriża Ferrovjarja Ewlenija (LRU) u l-Klijent.

L-LRU hija l-punt uniku ta' kuntatt għall-Klijent. Jekk ikunu involuti aktar minn Impriża Ferrovjarja waħda fil-katina tat-trasport, l-LRU tkun responsabbli wkoll għall-koordinazzjoni mal-RUs l-oħra. Dan is-servizz jista' jitwettaq ukoll minn spedizjonier jew minn kwalunkwe entità oħra.

Din it-TSI għall-industrija tat-trasport tal-merkanzija bil-ferrovija hija limitata f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797 għall-iskambju ta' *data* bejn l-IMs u l-RUs/LRUs. Din it-TSI tippermetti lil-LRU tipprovdi informazzjoni lill-Klijent b'mod partikolari:

— Informazzjoni dwar il-mogħdija.

— Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferroviji dwar punti ta' rapportar miftiehma, inklużi tal-anqas il-punti ta' tluq, ta' interkambju/trasferiment u ta' wasla tat-trasport kuntrattat.

— Il-Ħin Stmat tal-Wasla (ETA) fid-destinazzjoni finali inklużi d-deposti u t-terminali intermodali.

— Interruzzjoni tas-Servizz. Meta l-RU Ewlenija ssir taf dwar interruzzjoni fis-servizz, hija għandha tagħmel il-konsenja lill-Klijent fi żmien xieraq.

Għall-konsenja ta' din l-informazzjoni, il-messaġġi rispettivi konformi mat-TAF huma definiti fil-Kapitolu 4.

L-RU/l-LRUs ġeneralment irid ikollhom, bħala minimu, il-kapaċità li:

— JIDDEFINIXXU: servizzi f'termini ta' prezz u ta' ħinijiet ta' tranżitu, ta' provvista ta' vaguni (fejn applikabbli), ta' informazzjoni dwar vaguni/unitajiet intermodali (post, status u l-ħin stmat tal-wasla "ETA" relatat mal-vagun/unità intermodali), fejn il-konsenja tkun tista' titgħabba fuq vaguni, kontejners vojta eċċ.,

— JAGĦTU: is-servizz li ġie definit b'mod affidabbli u mingħajr intoppi permezz tal-użu ta' proċessi kummerċjali komuni u sistemi relatati. Irid ikun hemm kapaċità li l-RUs, l-IMs u fornituri oħra ta' servizzi u partijiet ikkonċernati bħad-dwana jiskambjaw informazzjoni b'mod elettroniku,

— IKEJLU: il-kwalità tas-servizz mogħti meta mqabbel ma' dak li ġie definit, jiġifieri l-preċiżjoni tal-kontijiet meta mqabbla mal-prezz kwotat, il-ħinijiet effettivi tat-tranżitu mal-impenji, il-vagun fornut ma' dak ordnat, l-ETAs mal-ħinijiet effettivi tal-wasla,

— JOPERAW: b'mod produttiv f'termini tal-użu: il-kapaċità ferrovjarja, tal-infrastruttura u tal-flotta permezz tal-użu ta' proċessi tan-negozju, ta' sistemi u ta' skambju ta' *data* meħtieġa sabiex jappoġġaw l-iskedar tal-vaguni/tal-unitajiet intermodali u tal-ferroviji.

Il-maniġġ ta' vaguni vojta għandu rilevanza partikolari meta jitqiesu vaguni interoperabbli. Fil-prinċipju, ma hemm l-ebda differenza fil-maniġġ ta' vaguni mgħobbija jew vojta. It-trasport ta' vaguni vojta huwa bbażat ukoll fuq ordnijiet ta' konsenja, fejn il-maniġer tal-flotta għal dawn il-vaguni vojta jrid jitqies bħala klijent.

3. REKWIŻITI ESSENZJALI

3.1. Konformità mar-rekwiżiti essenzjali

F'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/797, is-Sistema Ferrovjarja tal-Unjoni, is-subsistemi u l-kostitwenti tal-interoperabbiltà tagħhom iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fit-termini ġenerali fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.

Fl-ambitu ta' din it-TSI, l-issodisfar tar-rekwiżiti essenzjali rilevanti elenkati fil-Kapitolu 3 se jiġi żgurat għas-subsistema permezz tal-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet deskritti fil-Kapitolu 4 (Karatterizzazzjoni tas-subsistema).

3.2. Aspetti tar-rekwiżiti essenzjali

Ir-rekwiżiti essenzjali jikkonċernaw:

— Is-sikurezza,

— L-affidabbiltà u d-disponibbiltà,

— Is-saħħa,

— Il-ħarsien tal-ambjent,

— Il-kompatibbiltà teknika.

— L-aċċessibbiltà.

Skont id-Direttiva (UE) 2016/797, ir-rekwiżiti essenzjali jistgħu jkunu applikabbli b'mod ġenerali għas-Sistema Ferrovjarja Trans-Ewropea sħiħa jew ikunu speċifiċi għal kull subsistema u għall-kostitwenti tagħha.

3.3. Aspetti relatati mar-rekwiżiti ġenerali

Ir-rilevanza tar-rekwiżiti ġenerali għas-Subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija hija ddeterminata kif ġej:

3.3.1. *Sikurezza*

Ir-rekwiżiti essenzjali 1.1.1, 1.1.2, 1.1.3, 1.1.4 u 1.1.5 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/797 mhumiex rilevanti għas-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi.

3.3.2. *Affidabbiltà u disponibbiltà*

"Il-monitoraġġ u l-manutenzjoni tal-komponenti fissi jew mobbli li jkunu involuti fiċ-ċaqliq tal-ferroviji għandhom jiġu organizzati, magħmula u kwantifikati b'tali mod li jkomplu jaħdmu skont il-kondizzjonijiet maħsuba."

Dan ir-rekwiżit essenzjali huwa ssodisfat mill-Kapitoli li ġejjin:

— Il-Kapitolu 4.2.9: Id-*Data* Ewlenija ta' Referenza,

— Il-Kapitolu 4.2.10: Diversi Fajls ta' Referenza u bażijiet ta' *data*,

— Il-Kapitolu 4.2.11: Networking u Komunikazzjoni.

3.3.3. *Saħħa*

Ir-rekwiżiti essenzjali 1.3.1 u 1.3.2 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/797 mhumiex rilevanti għas-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi.

3.3.4. *Ħarsien tal-ambjent*

Ir-rekwiżiti essenzjali 1.4.1, 1.4.2, 1.4.3, 1.4.4 u 1.4.5 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/797 mhumiex rilevanti għas-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi.

3.3.5. *Kompatibbiltà teknika*

Ir-rekwiżit essenzjali 1.5 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/797 mhuwiex rilevanti għas-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi.

3.3.6. *Aċċessibbiltà*

Ir-rekwiżit essenzjali 1.6 tal-Anness III tad-Direttiva 2016/797 mhuwiex rilevanti għas-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi.

4. **KARATTERIZZAZZJONI TAS-SUBSISTEMA**

4.1. **Introduzzjoni**

Is-sistema ferrovjarja, li għaliha tapplika d-Direttiva (UE) 2016/797 u li s-Subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi hija parti minnha, hija sistema integrata li l-konsistenza tagħha trid tiġi vverifikata. Din il-konsistenza trid tiġi vverifikata b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tas-subsistema, tal-interfaċċi tagħha fir-rigward tas-sistema li fiha tkun integrata, kif ukoll tar-regoli dwar l-operazzjoni u l-manutenzjoni.

Filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti essenzjali applikabbli kollha, is-Subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija hija kkaratterizzata minn:

4.2. **Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema**

Fid-dawl tar-rekwiżiti essenzjali fil-Kapitolu 3, l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tas-subsistema jkopru l-parametri li ġejjin:

— *Data* tan-Nota ta' Konsenja,

— Talba għal Mogħdija u Allokazzjoni tal-Mogħdija,

— Preparazzjoni tal-Ferrovija,

— Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija,

— Informazzjoni dwar Interruzzjoni tas-Servizz,

— ETI/ETA tal-Vaguni/Unitajiet Intermodali,

— Moviment tal-Vaguni,

— Skambju ta' *Data* għat-Titjib tal-Kwalità,

— Id-*Data* Ewlenija ta' Referenza,

— Diversi fajls ta' referenza u Bażijiet ta' *Data*,

— Networking u Komunikazzjoni.

Minbarra d-dispożizzjonijiet mill-Kapitolu 4 u mis-subkapitoli tiegħu, kull parti kkonċernata tista' tiskambja l-messaġġi skont il-Kapitoli 4.2.2.3 (biss matul l-operazzjoni jew it-tħejjija tal-operazzjoni tal-ferrovija), 4.2.4.2, 4.2.4.3, 4.2.5.2, 4.2.6.3 u 4.2.6.4 ma' partijiet ikkonċernati oħra involuti fl-istess servizz tal-merkanzija, bil-kundizzjoni li l-partijiet ikkonċernati jkunu identifikabbli. Dawn l-iskambji ta' messaġġi jistgħu jiġu tariffati mingħand l-ispeditur.

L-LRU hija responsabbli għall-informazzjoni lill-Klijenti skont il-ftehim kuntrattwali.

L-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tad-*data* huma definiti fil-Katalogu tad-*Data* komplut. Il-formati obbligatorji tal-messaġġi u tad-*data* ta' dan il-Katalogu huma definiti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I. Barra minn hekk, standards eżistenti oħrajn jistgħu jintużaw għall-istess għan jekk ikun hemm ftehim speċifiku bejn il-partijiet involuti li jawtorizza l-użu ta' dawn l-istandards b'mod partikolari għat-trasport kombinat/intermodali jew fit-territorji tal-Istati Membri tal-UE li jkollhom fruntiera ma' pajjiżi terzi.

Kummenti ġenerali dwar l-istruttura tal-messaġġi

Il-messaġġi huma strutturati f'żewġ settijiet ta' *data*:

— *Data* ta' kontroll: iddefinita permezz tal-intestatura tal-messaġġ obbligatorja tal-messaġġi tal-katalogu.

— *Data* ta' informazzjoni: iddefinita mill-kontenut obbligatorju/mhux obbligatorju ta' kull messaġġ u sett ta' *data* obbligatorju/mhux obbligatorju fil-katalogu.

Jekk messaġġ jew element ta' *data* jkun iddefinit bħala mhux obbligatorju f'dan ir-Regolament, il-partijiet involuti jiddeċiedu jekk jużawhx. L-applikazzjoni ta' dawn il-messaġġi u l-elementi ta' *data* trid tkun parti minn ftehim kuntrattwali. Jekk fil-katalogu tad-*data* l-elementi mhux obbligatorji jkunu obbligatorji taħt ċerti kundizzjonijiet, dan irid jiġi speċifikat fil-katalogu tad-*data*.

4.2.1. *Data tan-Nota ta' Konsenja*

4.2.1.1. Nota dwar il-Konsenja tal-Klijent

Il-klijent għandu jibgħat in-Nota dwar il-Konsenja lill-RU Ewlenija. Trid turi l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex konsenja mill-konsenjatur tinġarr lill-konsenjatarju skont ir-"Regoli Uniformi dwar il-Kuntratt tal-Ġarr Internazzjonali ta' Prodotti bil-Ferrovija (CIM)" u r-"Regoli Uniformi dwar il-Kuntratti dwar l-Użu ta' Vetturi fit-Traffiku Ferrovjarju Internazzjonali (CUV)". L-LRU trid tissupplimenta informazzjoni addizzjonali. Subsett tad-*data* tan-nota ta' konsenja li tinkludi dik addizzjonali, huwa deskritt fl-Appendiċi I, TSI dwar it-TAF — ANNESS D.2: APPENDIĊI A (IPPJANAR TAL-VJAĠĠI TAL-VAGUNI/ILU) u Appendiċi I, TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF (4)) elenkati fit-tabella fl-Appendiċi I ta' dan ir-Regolament.

Fil-każ ta' Aċċess Miftuħ, l-RU Ewlenija li tikkuntratta mal-klijent ikollha l-informazzjoni kollha wara s-suppliment tad-*data* disponibbli. Ma huwa meħtieġ l-ebda skambju ta' messaġġi ma' RUs oħrajn. Din id-*data* hija wkoll il-bażi għal talba għal Mogħdija b'avviż qasir minn qabel, jekk dan ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tan-nota ta' konsenja.

Il-messaġġi li ġejjin huma għall-każ ta' Aċċess Mhux Miftuħ. Il-kontenut ta' dawn il-messaġġi jista' jkun ukoll il-bażi għal talbiet għal mogħdija b'avviż qasir minn qabel, jekk ikun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tan-nota ta' konsenja.

4.2.1.2. Ordnijiet ta' konsenja

L-ordni tal-konsenja hija primarjament subsett tal-informazzjoni tan-Nota ta' Konsenja. Trid tintbagħat lill-RUs involuti fil-katina tat-trasport mil-LRUs. Il-kontenut tal-ordni ta' Konsenja jrid juri l-informazzjoni rilevanti li tkun meħtieġa sabiex RU teżegwixxi t-trasport matul ir-responsabbiltà tagħha sat-trasferiment lill-RU li jmiss.

L-istruttura tad-*data* obbligatorja tal-ordni ta' konsenja u l-formati dettaljati ta' dan il-messaġġ huma elenkati fil-"Messaġġ tal-Ordni ta' Konsenja" fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I

Il-kontenut ewlieni ta' dawn l-ordnijiet ta' konsenja huwa:

— Informazzjoni dwar il-konsenjatur u l-konsenjatarju,

— Informazzjoni dwar ir-rotot,

— Identifikazzjoni tal-konsenja,

— Informazzjoni dwar il-vaguni,

— Informazzjoni dwar il-post u l-ħin.

4.2.2. *Talba għal Mogħdija u allokazzjoni tal-mogħdija*

4.2.2.1. Kummenti preliminari

Il-Mogħdija tiddefinixxi d-*data* mitluba, aċċettata u effettiva li għandha tinħażen fir-rigward tal-mogħdija u l-karatteristiċi tal-ferrovija għal kull segment ta' dik il-mogħdija. Id-deskrizzjoni li ġejja tippreżenta l-informazzjoni, li trid tkun disponibbli għall-maniġer tal-infrastruttura u/jew għall-korp tal-allokazzjoni (AB).. Din l-informazzjoni trid tiġi aġġornata kull meta jseħħ xi tibdil. Għalhekk, l-informazzjoni tal-mogħdija annwali jeħtieġ li tippermetti l-irkupru tad-*data* għal emendi fuq perjodu qasir. B'mod partikolari, il-Klijent, f'każ li jkun affettwat, irid jiġi informat mil-LRU.

Talba għal Mogħdija b'avviż qasir minn qabel

Minħabba l-eċċezzjonijiet matul iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija jew minħabba d-domandi tat-trasport fuq bażi ta' avviż qasir minn qabel, impriża ferrovjarja jew Applikant irid ikollu l-possibbiltà li jkollu mogħdija *ad hoc* fuq in-network.

L-RU/l-Applikant li jaġixxi fir-rwol tal-Applikant Responsabbli jrid jipprovdi lill-maniġer tal-infrastruttura d-*data* kollha meħtieġa dwar meta u fejn il-ferrovija tkun meħtieġa li tiċċirkola flimkien mal-karatteristiċi fiżiċi sa fejn dawn ikunu jinteraġixxu mal-infrastruttura. Dawn ir-rekwiżiti huma validi għall-messaġġi ta' Talba għal Mogħdija b'Avviż Qasir Minn Qabel u għall-messaġġi relatati kollha. L-ebda perjodu ta' żmien minimu ma huwa speċifikat fil-livell Ewropew f'dan ir-rigward. Id-dikjarazzjoni dwar in-network tista' tispeċifika l-perjodi minimi ta' żmien.

It-Talba għal Mogħdija b'avviż qasir minn qabel ma tinkludix kwistjonijiet ta' Ġestjoni tat-Traffiku. Il-limitu ta' żmien bejn il-mogħdijiet ta' Terminu Qasir u t-tibdiliet fil-mogħdijiet tal-Ġestjoni tat-Traffiku huwa soġġett għal Ftehimiet Lokali u jista' jiġi indikat fid-dikjarazzjoni dwar in-network..

Ir-rekwiżiti li jqisu r-responsabbiltajiet ta' RU/Applikant/IM matul it-talba għal mogħdija u l-proċessi ta' allokazzjoni mhumiex parti minn dan ir-regolament. Tingħata informazzjoni rilevanti fi ħdan ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 ([1]) (TSI dwar l-OPE).

4.2.2.2. Messaġġ ta' Talba għal Mogħdija

L-RU/l-Applikant li jassumi r-rwol ta' Applikant Responsabbli għandu jibgħat il-"messaġġ ta' Talba għal Mogħdija" lill-maniġer tal-infrastruttura (IM)/lill-Korp ta' Allokazzjoni (AB) sabiex jitlob mogħdija.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-"messaġġ ta' Talba għal Mogħdija" u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.2.3. Messaġġ dwar id-Dettalji tal-Mogħdija

L-IM/AB li jaġixxi bħala l-IM tal-Ippjanar għandu jibgħat il-"Messaġġ dwar id-Dettalji tal-Mogħdija" lill-RU/lill-Applikant rikjedenti bi tweġiba għat-Talba tiegħu għal Mogħdija.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ dwar id-Dettalji tal-Mogħdija u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.2.4. Messaġġ ta' Mogħdija Konfermata

L-RU/l-Applikant rikjedenti li jassumi r-rwol ta' Applikant Responsabbli għandu jibgħat il-"messaġġ ta' Mogħdija Konfermata" sabiex jikkonferma l-Mogħdija proposta mill-IM/mill-AB.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Mogħdija Konfermata u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.2.5. Messaġġ ta' Dettalji tal-Mogħdija Rifjutati

L-RU/l-Applikant rikjedenti li jassumi r-rwol ta' Applikant Responsabbli għandu jibgħat il-"messaġġ ta' Dettalji tal-Mogħdija Rifjutati" lill-IM/lill-AB rilevanti sabiex jirrifjuta d-Dettalji tal-Mogħdija proposti tiegħu.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Dettalji tal-Mogħdija Rifjutati u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.2.6. Messaġġ ta' Mogħdija Mħassra

L-RU/l-Applikant li jassumi r-rwol ta' Applikant Responsabbli (fil-fażi ta' ppjanar) jew li jassumi r-rwol tal-RU Responsabbli (waqt l-operazzjoni) għandu jibgħat il-"messaġġ ta' Mogħdija Mħassra" lill-IM/lill-AB rilevanti sabiex iħassar Mogħdija kollha jew parti minnha li tkun ġiet ikkonfermata.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Mogħdija Mħassra u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/773 tas-16 ta' Mejju 2019 dwar l-ispeċifikazzjoni teknika ta' interoperabbiltà relatata mas-subsistema ta' "operat u ġestjoni tat-traffiku" tas-sistema ferrovjarja fl-Unjoni Ewropea u li jħassar id-Deċiżjoni 2012/757/UE (ĠU L 139I, 27.5.2019, p. 5).

4.2.2.7. Messaġġ ta' Mogħdija Mhux Disponibbli

L-IM/l-AB li jassumi r-rwol IM tal-Ippjanar (fil-fażi ta' ppjanar) jew fir-rwol ta' IM Responsabbli (waqt l-operazzjoni) għandu jibgħat il-"messaġġ ta' Mogħdija Mhux Disponibbli" lill-RU/lill-Applikant kuntrattat f'każ li l-Mogħdija konfermata mill-RU/mill-Applikant ma tibqax disponibbli.

L-IM irid jinforma lill-RU malli jsir jaf li mogħdija tal-ferrovija ma tkunx disponibbli. Il-"messaġġ ta' Mogħdija Mhux Disponibbli" jista' jintbagħat fi kwalunkwe ħin bejn il-mument li fih il-mogħdija tal-ferrovija tiġi kkuntrattata u t-tluq tal-ferrovija. Kawża ta' dan il-messaġġ tista' tkun, eż., interruzzjoni fil-mogħdija.

"Messaġġ ta' Mogħdija Mhux Disponibbli" tfisser li l-mogħdija jew parti mill-mogħdija ma tistax tintuża u ma għadhiex teżisti.

Jekk ikun hemm mogħdija alternattiva disponibbli, flimkien ma' dan il-messaġġ jew malli dik il-mogħdija tkun magħrufa, l-IM irid jibgħat proposta alternattiva, mingħajr ebda talba oħra mill-RU. Dan isir bil-"messaġġ dwar id-Dettalji tal-Mogħdija" relatat ma' dan il-"messaġġ ta' Mogħdija Mhux Disponibbli". Jekk proposta alternattiva ma tkunx possibbli, l-IM irid jinforma lill-RU minnufih.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Mogħdija Mhux Disponibbli u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.2.8. Messaġġ ta' Konferma tar-Riċevuta

Ir-riċevitur ta' kull messaġġ għandu jibgħat il-"messaġġ ta' Konferma tar-Riċevuta" lill-oriġinatur tal-messaġġ relatat sabiex jirrikonoxxi li s-sistema miruta tiegħu rċeviet il-messaġġ.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Konferma tar-Riċevuta u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.3. *Preparazzjoni tal-Ferrovija*

4.2.3.1. Kummenti Ġenerali

Dan il-parametru bażiku jiddeskrivi l-messaġġi, li jridu jiġu skambjati matul il-fażi ta' preparazzjoni tal-ferrovija sal-istartjar tal-ferrovija.

Il-preparazzjoni tal-ferrovija tinkludi verifika tal-kompatibbiltà bejn il-ferrovija u r-rotta. Din il-verifika ssir mill-RU fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-IMs ikkonċernati dwar id-deskrizzjoni tal-infrastruttura u r-restrizzjonijiet tal-infrastruttura.

F'każ li l-ferrovija tittieħed bis-sħiħ mill-RU li jmiss, l-RU Responsabbli għandha tibgħat il-Kompożizzjoni tal-Ferrovija lill-RU Responsabbli li jmiss. Skont il-ftehimiet kuntrattwali, dan il-messaġġ irid jintbagħat ukoll mill-RU Responsabbli lill-IM(s). Dan ikun japplika wkoll jekk il-mogħdija tkun ġiet irriżervata minn Applikant Responsabbli ieħor, li jkun ta mandat lill-RU Responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija. Barra minn hekk, l-RU Responsabbli tibqa' s-sieħeb għall-iskambju tal-messaġġi mal-IM, jekk tissottokuntratta ċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija lil RU oħra.

Jekk il-kompożizzjoni tal-ferrovija tinbidel f'post, dan il-messaġġ irid jiġi skambjat għal darba oħra ma' informazzjoni aġġornata mill-RU Responsabbli.

4.2.3.2. Messaġġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Ferrovija

L-RU Responsabbli għandha tibgħat il-"messaġġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Ferrovija" li jiddefinixxi l-kompożizzjoni tal-ferrovija lill-RU Responsabbli li jmiss involuta fis-servizz tal-merkanzija u lill-RU Ewlenija. Skont id-dikjarazzjoni dwar in-network, il-"messaġġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Ferrovija" għandu jintbagħat ukoll mill-RU Responsabbli lill-IM(s).

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ dwar il-Kompożizzjoni tal-Ferrovija u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

L-elementi minimi li għandhom jiġu kkonsenjati għall-iskambju ta' messaġġi bejn l-RU u l-IM għall-fini tal-Kompożizzjoni tal-Ferrovija huma definiti fil-Kapitolu 4.2.2.7.2 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/773 (TSI dwar l-OPE).

4.2.3.3. Messaġġ ta' Ferrovija Lesta

L-RU Responsabbli għandha tibgħat messaġġ ta' "Ferrovija Lesta" lill-maniġer tal-infrastruttura kull darba li ferrovija tkun lesta li tibda wara l-preparazzjoni tal-ferrovija, sakemm skont ir-regoli nazzjonali l-maniġer tal-infrastruttura ma jaċċettax l-iskeda ta' żmien bħala messaġġ ta' "Ferrovija Lesta".

Fil-każ ta' trasport kombinat, l-Operatur tat-Terminal għandu jibgħat messaġġ ta' "Ferrovija Lesta" lill-RU kull darba li sett ta' vaguni jkun lest sabiex jiġi startjat. L-RU li tipprovdi trazzjoni lill-punt ta' dħul tal-IM għandha tibgħat il-messaġġ ta' "ferrovija lesta" lill-RU li topera s-servizz ferrovjarju fuq in-network tal-IM.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Ferrovija Lesta u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.4. *Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija*

4.2.4.1. Kummenti Ġenerali

Dan il-parametru bażiku jistabbilixxi l-informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija u t-tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija. Irid jippreskrivi kif għandu jinżamm id-djalogu bejn il-maniġer tal-infrastruttura u l-impriża ferrovjarja sabiex jiskambjaw l-informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija u t-tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija.

Dan il-parametru bażiku jistabbilixxi kif il-maniġer tal-infrastruttura jrid jibgħat, fil-ħin xieraq, informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija lill-impriża ferrovjarja u lill-maniġer tal-infrastruttura biswit sussegwenti involut fl-operazzjoni tal-ferrovija.

L-informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija sservi sabiex tipprovdi dettalji tal-istatus kurrenti tal-ferrovija f'punti ta' rapportar miftiehma permezz ta' kuntratt.

It-tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija jintuża sabiex jipprovdi informazzjoni dwar il-ħin stmat f'punti ta' tbassir miftiehma permezz ta' kuntratt. Dan il-messaġġ għandu jintbagħat mill-maniġer tal-infrastruttura lill-impriża ferrovjarja u lill-maniġer tal-infrastruttura biswit involut fiċ-ċirkolazzjoni.

Il-ftehimiet kuntrattwali għandhom jispeċifikaw il-Punti ta' Rapportar għall-moviment tal-ferrovija.

Dan l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-RUs u l-IMs dejjem iseħħ bejn l-IM inkarigat u l-RU Responsabbli, li jkollha r-responsabbiltà għall-operat tal-ferrovija. Dan ikun japplika wkoll jekk il-mogħdija tkun ġiet irriżervata minn Applikant Responsabbli ieħor, li jkun ta mandat lill-RU Responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija. Barra minn hekk, l-RU Responsabbli tibqa' s-sieħeb għall-iskambju tal-messaġġi mal-IM, jekk tissottokuntratta ċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija lil RU oħra.

Skont il-ftehim kuntrattwali l-LRU tipprovdi lill-Klijent it-Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u l-Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija. Il-punti ta' rapportar jiġu miftiehma miż-żewġ partijiet fil-kuntratt.

4.2.4.2. Messaġġ ta' Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija

Dan il-messaġġ irid jinħareġ mill-IM lill-RU, li tkun qed tħaddem il-ferrovija, għall-punti ta' trasferiment, għall-punti ta' interkambju u għad-destinazzjoni tal-ferrovija kif deskritti fil-Kapitolu 4.2.4.1.

Fil-każ ta' trasport kombinat skont ftehim kuntrattwali, l-LRU/l-RU Responsabbli għandha tiżgura li l-messaġġ ta' "Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija" jiġi pprovdut lill-Operatur tat-Terminal.

Barra minn hekk, il-messaġġ irid jinħareġ mill-IM lill-RU għal punti oħra ta' rapportar skont il-kuntratti tal-RU/IM.

Tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija jista' jintbagħat ukoll qabel ma tibda titħaddem il-ferrovija. Għal dewmien addizzjonali li jseħħ bejn żewġ Punti ta' Rapportar, irid jiġi definit b'kuntratt limitu bejn l-impriża ferrovjarja u l-maniġer tal-infrastruttura li lilu jrid jintbagħat tbassir inizjali jew ġdid. Jekk id-dewmien addizzjonali ma jkunx magħruf, il-maniġer tal-infrastruttura jrid jibgħat "messaġġ ta' interruzzjoni tas-servizz" (ara l-Kapitolu 4.2.5: Informazzjoni dwar Interruzzjoni tas-Servizz).

Il-messaġġ ta' tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija jrid jagħti l-ħin previst għall-punt ta' tbassir miftiehem.

Il-Maniġer tal-Infrastruttura għandu jibgħat dan il-messaġġ lill-maniġer tal-infrastruttura biswit li jmiss involut fiċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.4.3. Messaġġ ta' Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u Messaġġ dwar X'Qed Jikkawża d-Dewmien tal-Ferrovija.

Il-"messaġġ ta' Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija" jrid jinħareġ mill-IM lill-RU Responsabbli:

— Mat-tluq mill-punt tat-tluq, mal-wasla fid-destinazzjoni,

— Mal-wasla u mat-tluq fil-punti ta' trasferiment, fil-punti ta' interkambju u fil-punti ta' rapportar miftiehma abbażi ta' kuntratt (eż. punti ta' maniġġ).

Malli jkun magħruf x'qed jikkawża d-dewmien (l-ewwel suppożizzjoni), u f'każ ta' aġġornament dwar x'qed jikkawża d-dewmien, jenħtieġ li din l-informazzjoni tiġi pprovduta mill-IM lill-RU Responsabbli permezz tal-Messaġġ separat dwar X'Qed Jikkawża d-Dewmien tal-Ferrovija.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Informazzjoni dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u tal-Messaġġ dwar X'Qed Jikkawża d-Dewmien tal-Ferrovija u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.5. *Informazzjoni dwar Interruzzjoni tas-Servizz*

4.2.5.1. Kummenti Ġenerali

Dan il-parametru bażiku jistabbilixxi kif l-informazzjoni dwar interruzzjoni tas-servizz tiġi ttrattata bejn l-impriża ferrovjarja u l-maniġer tal-infrastruttura.

Meta l-RU ssir taf dwar interruzzjoni tas-servizz matul l-operazzjoni taċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija li għaliha tkun responsabbli, hija trid tinforma immedjatament lill-IM ikkonċernat (dan jista' jsir bil-fomm mill-RU). Jekk iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija tiġi interrotta, il-maniġer tal-infrastruttura għandu jibgħat messaġġ ta' "interruzzjoni taċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija" lill-RU kuntrattata u lill-IM biswit li jmiss involut fl-operazzjoni tal-ferrovija.

Jekk it-tul tad-dewmien ikun magħruf, il-maniġer tal-infrastruttura irid minflok jibgħat messaġġ ta' tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija

4.2.5.2. Messaġġ ta' Interruzzjoni taċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija

Jekk il-ferrovija tiġi interrotta, l-IM joħroġ dan il-messaġġ lill-IM biswit li jmiss involut fiċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija u lill-RU Responsabbli.

Fil-każ ta' trasport kombinat skont ftehim kuntrattwali, l-LRU/l-RU għandha tiżgura li l-messaġġ "ta' Interruzzjoni taċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija" jiġi pprovdut lill-Operatur tat-Terminal.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Interruzzjoni taċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.6. *ETI/ETA tal-konsenja*

4.2.6.1. Kummenti preliminari

Il-Kapitolu 4.2.2 (Talba għal Mogħdija) prinċipalment iddeskriva l-komunikazzjoni bejn l-RU u l-IM. Il-monitoraġġ individwali tal-vaguni jew tal-unitajiet intermodali mhuwiex kopert minn dan l-iskambju ta' informazzjoni. Dan isir fil-livell tal-RU/RU abbażi tal-messaġġi relatati mal-ferroviji u huwa deskritt fil-Kapitoli 4.2.6 (ETI/ETA tal-konsenja) sa 4.2.7 (Moviment tal-Vaguni) li ġejjin.

L-iskambju u l-aġġornar tal-informazzjoni relatata mal-vaguni jew mal-unitajiet intermodali huma essenzjalment appoġġati mill-ħżin tal-"pjanijiet tal-vjaġġi" u tal-"movimenti tal-vaguni" (Kapitolu 4.2.10.2: Bażijiet ta' *Data* Oħra).

Għal klijent, l-aktar informazzjoni importanti dejjem tkun il-ħin stmat tal-wasla (ETA) għall-konsenja tiegħu u għall-ferrovija (TETA - Ħinijiet Stmati tal-Wasla tal-Ferroviji). L-ETA relatat mal-vaguni kif ukoll l-ETI huma wkoll l-informazzjoni bażika fil-komunikazzjoni bejn l-LRU u l-RU. Din l-informazzjoni hija l-istrument ewlieni għal-LRU sabiex timmonitorja t-trasport fiżiku ta' konsenja u sabiex tivverifikaha billi tqabbilha mal-impenn lejn il-klijent.

Il-ħinijiet imbassra fil-messaġġi relatati mal-ferroviji lkoll huma relatati ma' wasla ta' ferrovija f'punt speċifiku, li jista' jkun punt ta' trasferiment, punt ta' interkambju, id-destinazzjoni tal-ferrovija jew punt ta' rapportar ieħor. Dawn ilkoll huma Ħinijiet Stmati tal-Wasla tal-Ferroviji (TETA).

Skont il-ftehim kuntrattwali, l-LRU tipprovdi lill-Klijent bil-ħin stmat tal-wasla (ETA) u bil-ħin stmat tal-interkambju (ETI) fil-livell tal-konsenja u bit-TETA fil-livell tal-ferrovija. Il-livell ta' dettall jiġi miftiehem miż-żewġ partijiet fil-kuntratt.

Għat-trasport kombinat, il-messaġġi tad-*data* li jkun fihom l-identifikaturi tal-unitajiet tat-tagħbija (eż. kontejners, kaxxi skambjabbli, semitrejlers) jużaw jew Kodiċi BIC jew ILU skont l-ISO 6346 u l-EN 13044 rispettivament.

4.2.6.2. Kalkolu tal-ETI/ETA

Il-kalkolu tal-ETI/ETA huwa bbażat fuq l-informazzjoni mill-maniġer tal-infrastruttura inkarigat li jibgħat, fil-messaġġ ta' Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija, il-Ħin Stmat tal-Wasla tal-Ferroviji għal punti ta' rapportar definiti (fi kwalunkwe każ għall-punti ta' trasferiment, ta' interkambju, jew tal-wasla inklużi t-Terminali intermodali) fil-mogħdija miftiehma tal-ferrovija, eż. għall-punt ta' trasferiment minn IM għall-IM li jmiss (f'dan il-każ it-TETA tkun ugwali għall-ETH).

Għall-punti ta' interkambju jew għal punti ta' rapportar definiti oħrajn fil-mogħdija tal-ferrovija miftiehma, l-RU trid tikkalkola għall-RU li jmiss fil-katina tat-trasportazzjoni tal-konsenja, il-ħin stmat tal-interkambju (ETI) għall-vaguni u/jew għall-unitajiet intermodali.

Kumment dwar it-trasport kombinat: Għall-unitajiet intermodali fuq vagun, l-ETIs tal-vaguni huma wkoll ETIs għall-unitajiet intermodali. Fir-rigward tal-ETAs għall-unitajiet intermodali, jenħtieġ li jiġi nnotat li l-RU mhijiex fil-pożizzjoni li tikkalkola ETA jew TETA bħal dan lil hinn min-network pubbliku tal-IM. Għalhekk, l-RU tista' tforni biss ETIs relatati mal-RU li topera fit-terminal li tipprovdi ETA jew TETA lill-Operatur tat-Terminal tal-Wasla. Abbażi ta' din l-ETA u t-TETA, l-Operatur tat-Terminal jipprovdi ETP lill-Operatur tat-Trasport Kombinat, li jipprovdi lill-klijent finali (bħall-ispedizjoniera, il-forniturі ta' servizzi loġistiċi…) bl-istess ETP.

L-RU Ewlenija hija responsabbli għat-tqabbil tal-ETA u tat-TETA mal-impenn lejn il-klijent.

Devjazzjonijiet mill-ETA u mit-TETA meta mqabbla mal-impenn lejn il-klijent iridu jiġu ttrattati f'konformità mal-kuntratt u jistgħu jwasslu għal proċess ta' ġestjoni tat-twissijiet mil-LRU. Għat-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar ir-riżultat ta' dan il-proċess huwa previst il-messaġġ ta' Twissija.

Bħala bażi għall-proċess ta' ġestjoni tat-Twissijiet, jeħtieġ li l-LRU jkollha l-possibbiltà għal investigazzjoni relatata ma' ferrovija jew ma' vagun f'dak li għandu x'jaqsam mad-devjazzjonijiet. Din l-investigazzjoni ta' LRU u t-tweġiba minn RU huma speċifikati wkoll hawn taħt.

4.2.6.3. Messaġġ ta' ETI/ETA tal-Vaguni

L-iskop ta' dan il-messaġġ huwa li l-ETI jew l-ETI aġġornat minn RU Responsabbli waħda jintbagħat lil dik li jkun imiss fil-katina tat-trasport.

L-RUs Responsabbli kollha fil-katina tat-trasport tal-vaguni jibagħtu l-ETI/ETA jew l-ETI/ETA aġġornat lil-LRU. Skont ftehim kuntrattwali bbażat fuq l-ETIs miġbura, l-RU Ewlenija għandha tikkalkola u tipprovdi ETA jew TETA akkurata lill-Klijent tagħha u lill-Operatur tat-Terminal

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' ETI/ETA tal-Vaguni u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.6.4. Messaġġ ta' twissija

Wara t-tqabbil bejn l-ETA u l-impenn lejn il-klijent, l-LRU tista' tibgħat messaġġ ta' Twissija lill-RUs involuti. Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Twissija u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

Kumment: F'każ ta' Aċċess Miftuħ, il-kalkolu tal-ETI u tal-ETA huwa proċess intern tal-RU. F'dan il-każ, l-RU hija l-RU ewlenija nnifisha.

4.2.7. *Moviment tal-Vaguni*

4.2.7.1. Kummenti Preliminari

Għar-rapportar tal-moviment ta' vagun, id-*data* inkluża f'dawn il-messaġġi trid tinħażen u tkun aċċessibbli elettronikament. Din trid tiġi skambjata wkoll f'messaġġ fuq bażi kuntrattwali ma' partijiet awtorizzati.

— Avviż dwar ir-Rilaxx tal-Vagun

— Avviż dwar it-Tluq tal-Vagun

— Wasla tal-Vagun fid-Depost

— Tluq tal-Vagun mid-Depost

— Messaġġ ta' Eċċezzjonijiet tal-Vagun

— Avviż ta' Wasla tal-Vagun

— Avviż ta' Konsenja tal-Vagun

Skont ftehim kuntrattwali, l-LRU trid tipprovdi lill-Klijent l-informazzjoni dwar il-moviment tal-vagun billi tuża l-messaġġi deskritti hawn taħt.

4.2.7.2. Messaġġ ta' Avviż dwar ir-Rilaxx tal-Vagun

L-RU Ewlenija mhux bilfors tkun l-ewwel RU fil-katina tat-trasport. F'dan il-każ l-LRU trid tgħid lill-RU inkarigata li l-vagun ikun lest għall-ġbid fis-sidings tal-klijent (Post tat-tluq skont l-impenn tal-LRU) fil-ħin tar-rilaxx speċifiku (data u ħin tat-tluq).

Dawn l-avvenimenti jistgħu jinħażnu fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali. Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Avviż dwar ir-Rilaxx tal-Vagun u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.7.3. Messaġġ ta' Avviż dwar it-Tluq tal-Vagun

L-RU trid tinforma lill-RU dwar id-Data u l-Ħin effettivi li fihom il-vagun ikun inġibed mill-post tat-tluq.

Dawn l-avvenimenti jistgħu jinħażnu fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali. Permezz ta' dan l-iskambju ta' messaġġi, ir-responsabbiltà għall-vagun tinbidel mill-klijent għall-RU. Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Avviż dwar it-Tluq tal-Vagun u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.7.4. Messaġġ dwar il-Wasla tal-Vagun fid-Depost

L-RU trid tinforma lill-RU li l-vagun ikun wasal fid-depost tagħha. Dan il-messaġġ jista' jkun ibbażat fuq messaġġ ta' "Informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija" mill-Kapitolu 4.2.4 (Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija). Dan l-avveniment jista' jinħażen fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali. Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ dwar il-Wasla tal-Vagun fid-Depost u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.7.5. Messaġġ dwar it-Tluq tal-Vagun mid-Depost

L-RU trid tinforma lill-RU li l-vagun ikun telaq mid-depost tagħha. Dan il-messaġġ jista' jkun ibbażat fuq messaġġ ta' "Informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija" mill-Kapitolu 4.2.4 (Tbassir dwar iċ-Ċirkolazzjoni tal-Ferrovija). Dan l-avveniment jista' jinħażen fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali. Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ dwar it-Tluq tal-Vagun mid-Depost u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.7.6. Messaġġ ta' Eċċezzjoni tal-Vagun

L-RU trid tinforma lil-LRU jekk tinqala' xi ħaġa mhux mistennija lill-vagun, li jista' jkollha impatt fuq l-ETI/l-ETA, jew li tkun teħtieġ xi azzjoni addizzjonali. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, dan il-messaġġ ikun jeħtieġ ukoll kalkolu ġdid tal-ETI/ETA. Jekk l-LRU tiddeċiedi li jkollha ETI/ETA ġdid, din tibgħat messaġġ lura lill-RU, li tkun bagħtet dan il-messaġġ flimkien mal-indikazzjoni "ETI/ETA rikjest" (messaġġ: messaġġ ta' Eċċezzjoni tal-Vagun, Talba għal ETI/ETA ġdid). Il-kalkolu tal-ETI/ETA l-ġdid irid isegwi l-proċedura tal-Kapitolu 4.2.6 (ETI/ETA tal-konsenja).

Din l-informazzjoni tista' tinħażen fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali. Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Eċċezzjoni tal-Vagun u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.7.7. Messaġġ ta' Avviż dwar il-Wasla tal-Vagun

L-aħħar RU f'katina tat-trasport ta' vagun jew ta' unità intermodali trid tinforma lil-LRU li l-vagun wasal fid-depost tagħha (il-post tal-RU). Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-messaġġ ta' Avviż dwar il-Wasla tal-Vagun u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.7.8. Messaġġ ta' Avviż ta' Konsenja tal-vagun

L-aħħar RU f'katina tat-trasport ta' vagun trid tinforma lil-LRU li l-vagun ikun tqiegħed fis-sidings tal-konsenjatarju.

Kumment: Fil-każ ta' Aċċess Miftuħ, il-moviment tal-vagun deskritt huwa proċess intern tal-RU (LRU). Madankollu, il-kalkoli kollha u l-ħżin tad-*data* jridu jitwettqu minnha bħala l-LRU li jkollha kuntratt mal-klijent u impenn lejh.

Id-dijagramma ta' sekwenza għal dawn il-messaġġi bbażata fuq l-eżempju 1 għall-kalkolu tal-ETI għall-vaguni 1 u 2 (ara l-Kapitolu 4.2.6.2: kalkolu tal-ETI/ETA) hija integrata fid-dijagramma għar-rappurtar tal-interkambju fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness A.5: Illustrazzjonijiet u Dijagrammi ta' Sekwenza tal-messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.8. *Skambju ta' Data għat-Titjib tal-Kwalità*

Sabiex tkun kompetittiva, l-Industrija Ferrovjarja Ewropea trid tforni kwalità ta' servizz ogħla lill-klijenti tagħha (ara wkoll l-Artikolu 2.7.1 tal-Anness III tad-Direttiva (UE) 2016/797). Proċess ta' kejl huwa proċess essenzjali ta' wara l-vjaġġ li jsostni t-titjib fil-kwalità. Minbarra l-kejl tal-kwalità tas-servizz mogħti lill-klijent, l-LRUs, l-RUs u l-IMs iridu jkejlu l-kwalità tal-komponenti tas-servizz li flimkien jikkostitwixxu l-prodott ipprovdut lill-klijent. Il-proċess jinvolvi li l-IMs u l-RUs (speċjalment jekk ikunu l-RUs Ewlenin) jagħżlu parametru ta' kwalità, rotta jew post individwali u perjodu ta' kejl li fih ir-riżultati effettivi għandhom jitkejlu skont kriterji predeterminati u li normalment ikunu ġew stabbiliti f'kuntratt. Ir-riżultati tal-proċess ta' kejl iridu juru b'mod ċar il-livell ta' kisba meta mqabbel mal-mira, li jkun intlaħaq qbil dwarha bejn il-partijiet kontraenti.

4.2.9. *Id-Data Ewlenija ta' Referenza*

4.2.9.1. Daħla

Sabiex jiġu appoġġati l-preparazzjoni tal-ferroviji u l-operazzjoni tal-vaguni, id-detentur tal-vaguni għandu jagħmel disponibbli d-*data* dwar ir-rolling stock fil-Bażi ta' *Data* ta' referenza dwar ir-Rolling Stock.

4.2.9.2. Il-Bażijiet ta' *Data* ta' Referenza dwar ir-Rolling Stock

Id-detentur tar-rolling stock huwa responsabbli għall-ħżin tad-*data* dwar ir-rolling stock f'Bażi ta' *Data* ta' Referenza dwar ir-Rolling Stock.

L-Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-Bażijiet ta' *Data* ta' Referenza individwali dwar ir-Rolling Stock hija deskritta fid-dettall fl-Appendiċi I u fl-Appendiċi C.

Il-Bażijiet ta' *Data* ta' Referenza dwar ir-Rolling Stock iridu jippermettu aċċess faċli għad-*data* ta' referenza dwar ir-rolling stock sabiex jiġi minimizzat il-volum ta' *data* trażmessa għal kull operazzjoni. Il-kontenut tal-Bażijiet ta' *Data* jrid ikun aċċessibbli, abbażi tad-drittijiet ta' aċċess strutturati skont il-privileġġ għall-Forniturі kollha ta' Servizzi (speċjalment l-IMs u l-RUs).

L-entrati fil-Bażi ta' *Data* ta' Referenza dwar ir-Rolling Stock jistgħu jiġu raggruppati kif ġej:

— *Data* amministrattiva relatata ma' elementi ta' ċertifikazzjoni u ta' reġistrazzjoni. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 ([2]), id-Detenturi tal-Vaguni għandhom jaħżnu n-numru ta' identifikazzjoni taċ-ċertifikazzjoni tal-ECM

— Id-*data* dwar id-disinn, li għandha tinkludi l-elementi (fiżiċi) kostitwenti kollha tar-rolling stock, speċjalment l-informazzjoni meħtieġa mill-RUs għall-ippjanar u għall-operazzjoni tal-ferroviji.

Id-detentur huwa obbligat jiżgura li din id-*data* tkun disponibbli u li l-proċessi warajha jkunu twettqu.

Id-definizzjoni tal-istruttura obbligatorja tal-Bażi ta' *Data* ta' Referenza dwar ir-Rolling Stock u l-elementi li għandhom jiġu segwiti huma deskritti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.10. *Diversi Fajls ta' Referenza u Bażijiet ta' Data*

4.2.10.1. Fajls ta' Referenza

Għall-operazzjoni tal-ferroviji tal-merkanzija fuq in-network Ewropew, il-fajls ta' referenza li ġejjin iridu jkunu disponibbli u aċċessibbli għall-forniturі kollha ta' servizzi (IMs, RUs, forniturі loġistiċi u maniġers tal-flotot). Id-*data* trid tirrappreżenta l-istatus effettiv f'kull ħin. Meta fajl ta' referenza jkun f'użu komuni mat-TSI dwar it-TAP, l-iżvilupp u t-tibdiliet iridu jkunu konformi mat-TSI dwar it-TAP, sabiex jinkisbu l-aħjar sinerġiji.

L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji se taħżen u żżomm b'mod ċentrali kodiċijiet uniċi għad-*data* ta' referenza li ġejja:

— Il-Fajl ta' Referenza tal-Kodifikazzjoni għall-IMs, għall-RUs, għall-Kumpaniji li jipprovdu servizzi kollha;

— Il-Fajl ta' Referenza tal-Kodifikazzjoni tal-Postijiet (Primarji u sussidjarji),

L-Aġenzija se żżomm kopja tal-Fajl ta' Referenza għall-Kodiċijiet tal-Postijiet Primarji u għall-Kodiċijiet tal-Kumpaniji. Fuq talba individwali u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, din id-*data* għandha tkun disponibbli għall-konsultazzjoni pubblika.

Listi ta' kodiċijiet oħrajn huma definiti fid-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.10.2. Bażi ta' *Data* Operazzjonali dwar il-Vaguni u l-Unitajiet Intermodali (mhux obbligatorja)

Sabiex ikun jista' jsir trekkjar tal-movimenti tal-ferroviji u tal-vaguni, tista' tiġi installata l-Bażi ta' *Data* Operazzjonali dwar il-Vaguni u l-Unitajiet Intermodali, aġġornata f'kull avveniment rilevanti f'ħin reali. Entitajiet awtorizzati bħal detenturi u maniġers tal-flotta jista' jkollhom aċċess għad-*data* rilevanti sabiex jaqdu l-funzjonijiet tagħhom, skont ftehimiet bilaterali.

Il-komunikazzjoni bejn l-RU Ewlenija u l-RUs fil-modalità ta' kooperazzjoni hija bbażata fuq in-numri tal-vaguni u/jew tal-unitajiet intermodali. Għalhekk, RU li tikkomunika mal-IMs fil-livell tal-ferroviji trid taqsam din l-informazzjoni f'informazzjoni relatata mal-vaguni u f'informazzjoni relatata mal-unitajiet intermodali. Din l-informazzjoni relatata mal-vaguni u mal-unitajiet intermodali tista' tinħażen fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali. L-informazzjoni dwar il-moviment tal-ferroviji twassal għal entrati/aġġornamenti ġodda fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali għall-informazzjoni

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 445/2011 tal-10 ta' Mejju 2011 dwar sistema ta' ċertifikazzjoni tal-entitajiet responsabbli mill-manutenzjoni tal-vaguni tal-merkanzija u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 653/2007 (ĠU L 122, 11.5.2011, p. 22).

għall-klijenti. Il-parti tal-movimenti għal vagun jew għal unità intermodali fil-bażi ta' *data* hija stabbilita sa mhux aktar tard minn meta jasal il-ħin tar-rilaxx għall-vaguni jew għall-unità intermodali mill-klijent. Dan il-ħin ta' rilaxx huwa l-ewwel entrata ta' moviment għal vagun fil-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali relatata ma' vjaġġ effettiv tat-trasport. Il-messaġġi għall-moviment tal-vagun huma definiti fil-Kapitolu 4.2.7 (Moviment tal-Vaguni). Din il-bażi ta' *data* hija aċċessibbli permezz tal-Interfaċċa Komuni (4.2.11.1: Arkitettura Ġenerali u 4.2.11.6: Interfaċċa Komuni).

Il-Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali hija għat-trekkjar tal-vaguni u, għalhekk, għall-komunikazzjoni bejn l-RUs involuti u l-RU Ewlenija. Din il-bażi ta' *data* turi l-moviment ta' vagun u ta' unità intermodali mit-tluq sal-konsenja finali fis-sidings tal-klijent bl-ETIs u bil-ħinijiet effettivi f'postijiet differenti sal-aħħar ħin ETA tal-konsenja. Il-bażi ta' *data* turi wkoll l-istatus differenti tar-rolling stock bħal:

— Status: it-tagħbija tar-rolling stock

  Dan l-istatus huwa meħtieġ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-RU u l-IMs u ma' impriżi ferrovjarji oħrajn involuti fil-vjaġġ tat-trasport

— Status: vagun mgħobbi fil-vjaġġ

  Dan l-istatus huwa meħtieġ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-IM u l-RU, ma' maniġers oħra tal-infrastruttura u ma' impriżi ferrovjarji oħrajn involuti fil-vjaġġ tat-trasport.

— Status: vagun vojt fil-vjaġġ

  Dan l-istatus huwa meħtieġ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-IM u l-RU, ma' maniġers tal-infrastruttura u ma' impriżi ferrovjarji oħrajn involuti fil-vjaġġ tat-trasport.

— Status: ħatt tar-rolling stock

  Dan l-istatus huwa meħtieġ għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-RU fid-destinazzjoni u l-RU Ewlenija għat-trasport.

— Status: vagun vojt taħt il-kontroll tal-ġestjoni tal-flotta

  Dan l-istatus huwa meħtieġ sabiex tinkiseb l-informazzjoni dwar id-disponibbiltà ta' vettura b'karatteristiċi definiti.

4.2.10.3. Rekwiżiti Addizzjonali dwar il-Bażijiet ta' *Data*

Kull sistema (Bażi ta' *Data*) trid tkun definita b'mod ċar u l-konsistenza tad-*data* tagħha għandha tkun appoġġata minn regoli dwar l-aċċessibbiltà tad-*data* u d-disponibbiltà tad-*data*.

4.2.11. *Networking u Komunikazzjoni*

4.2.11.1. Arkitettura Ġenerali

L-għan tal-arkitettura tal-IT huwa li jsir skambju ta' informazzjoni f'ambjent sikur fdat fost l-atturi ferrovjarji kollha fiż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea (SERA).

Maż-żmien din is-subsistema se tara t-tkabbir u l-interazzjoni ta' Komunità kbira u kumplessa tal-interoperabbiltà ferrovjarja tat-telematika b'mijiet ta' atturi parteċipanti (RUs, IMs, eċċ.), li jikkompetu u/jew jikkooperaw sabiex jaqdu l-ħtiġijiet tas-suq.

L-infrastruttura tan-Network u tal-Komunikazzjoni li tappoġġa tali komunità tal-interoperabbiltà ferrovjarja se tkun ibbażata fuq Arkitettura Komuni għall-Iskambju tal-informazzjoni, magħrufa u adottata minn dawk kollha li jipparteċipaw fiha.

L-Arkitettura proposta għall-Iskambju ta' Informazzjoni:

— hija mfassla sabiex tirrikonċilja l-mudelli eteroġeni ta' informazzjoni billi tittrasforma b'mod semantiku d-*data* li tiġi skambjata bejn is-sistemi u billi tirrikonċilja d-differenzi fil-proċess tan-negozju u fil-protokoll fil-livell tal-applikazzjonijiet,

— għandha impatt minimu fuq l-arkitetturi eżistenti tal-IT implimentati minn kull attur,

— tissalvagwardja l-investimenti li diġà saru.

L-Arkitettura għall-Iskambju ta' Informazzjoni hija bbażata fuq standards integrati kontinwi tal-industrija tal-IT, li jiżguraw il-livell rilevanti taċ-ċibersigurtà skont ir-riskji identifikati. L-interazzjoni bejn l-atturi kollha trid tiggarantixxi l-integrità u l-konsistenza kumplessivi tal-interoperabbiltà ferrovjarja billi tipprovdi sett ta' servizzi ċentralizzati.

L-implimentazzjoni tal-kunċett arkitettoniku, eż. komunikazzjoni bejn il-pari, hija bbażata fuq standards tekniċi għall-Interfaċċa Komuni deskritta fid-dokument tekniku ERA-TD-104 "Anness D.2: Appendiċi E — Interfaċċa Komuni" elenkat fl-Appendiċi I.

Rappreżentazzjoni bl-istampi fuq l-arkitettura ġenerali hija mogħtija fil-Kapitolu 1.5 tad-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness A.5 Illustrazzjonijiet u Dijagrammi ta' Sekwenza tal-messaġġi tat-TSI dwar it-TAF" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.11.2. Network u Sigurtà

Network f'dan il-każ ifisser il-metodu u l-filosofija tal-komunikazzjoni u ma jfissirx in-network fiżiku.

In-network għandu jiżgura l-livell meħtieġ għaċ-ċibersigurtà.

L-interoperabbiltà ferrovjarja hija bbażata fuq Arkitettura komuni għall-Iskambju ta' Informazzjoni, magħrufa u adottata mill-parteċipanti kollha, u b'hekk tħeġġeġ u tnaqqas l-ostakli għal entranti ġodda, speċjalment għall-klijenti.

Il-kunċett ta' sigurtà jista' jiġi implimentat fuq saffi differenti ta' stack ta' komunikazzjoni bejn żewġ pari.

Sabiex jinkiseb livell għoli ta' sigurtà, il-messaġġi kollha jridu jkunu awtosuffiċjenti, li jfisser li l-informazzjoni fil-messaġġ tkun magħmula sigura u li r-riċevitur ikun jista' jivverifika l-awtenticità tal-messaġġ. Din tista' tiġi solvuta permezz ta' skema ta' kriptaġġ u ta' ffirmar simili għall-kriptaġġ tal-posta elettronika.

4.2.11.3. Kriptaġġ

Jista' jintuża kriptaġġ asimetriku jew simetriku għat-trażmissjoni u għall-ħżin tad-*data*, skont ir-rekwiżiti tan-negozju. Għal dan l-għan, għandha tiġi implimentata Infrastruttura taċ-Ċavetta Pubblika (PKI).

Il-kriptaġġ huwa bbażat fuq standards tekniċi għall-Interfaċċa Komuni deskritta fid-dokument tekniku ERA-TD-104 "Anness D.2: Appendiċi E — Interfaċċa Komuni" elenkat fl-Appendiċi I.

4.2.11.4. Repożitorju Ċentrali

Ir-Repożitorju Ċentrali jrid ikun kapaċi jittratta:

— metadata — *data* strutturata li tiddeskrivi l-kontenut tal-messaġġi,

— Infrastruttura taċ-Ċavetta Pubblika (PKI),

— Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni (CA),

Il-ġestjoni tar-repożitorju ċentrali jenħtieġ li tkun taħt ir-responsabbiltà ta' organizzazzjoni ko-Ewropea mhux kummerċjali. Meta r-Repożitorju Ċentrali jkun qed jintuża flimkien mat-TSI dwar it-TAP, l-iżvilupp u t-tibdiliet għandhom jitwettqu kemm jista' jkun qrib tat-TSI dwar it-TAP implimentata sabiex jinkisbu l-aħjar sinerġiji.

4.2.11.5. Interfaċċa Komuni

Konformità mat-TSI, fir-rigward tal-iskambju ta' *data*, tfisser l-iskambju ta' elementi obbligatorji tal-katalogu tad-*data* tat-TAF (XSD) skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4.2 tat-TSI dwar it-TAF.

Dan jista' juża l-ispeċifikazzjonijiet tal-Interfaċċa Komuni inkluż l-użu tal-XSD mingħajr ebda ftehim speċifiku bejn il-partijiet involuti. L-ispeċifikazzjonijiet tas-CI jenħtieġ li jiġu adattati b'mod regolari sabiex jitqiesu t-teknoloġiji l-ġodda tal-komunikazzjoni.

U l-kombinazzjoni ta' kwalunkwe teknoloġija tal-komunikazzjoni tkun possibbli jekk ikun hemm ftehim speċifiku bejn il-partijiet involuti dment li jkun allinjat mal-ispeċifikazzjonijiet tas-CI.

Interfaċċa Komuni trid tkun kapaċi tittratta:

— l-ifformattjar tal-messaġġi ħerġin skont il-metadata,

— l-iffirmar u l-kriptaġġ tal-messaġġi ħerġin,

— l-indirizzar tal-messaġġi ħerġin,

— il-verifika tal-awtentiċità tal-messaġġi daħlin,

— id-dekriptaġġ tal-messaġġi daħlin,

— il-verifiki tal-konformità tal-messaġġi daħlin skont il-metadata,

— it-trattament tal-aċċess komuni uniku għal diversi bażijiet ta' *data*.

Kull każ ta' Interfaċċa Komuni se jkollu aċċess għad-*data* kollha meħtieġa skont it-TSI f'kull Detentur tal-vaguni, LRU, RU, IM, eċċ., jekk il-Bażijiet ta' *Data* rilevanti humiex ċentrali jew individwali (ara wkoll il-Kapitolu 1.6 tad-dokument "TSI dwar it-TAF — Anness A.5: Illustrazzjonijiet u Dijagrammi ta' Sekwenza tal-messaġġi tat-TSI dwar it-TAF", elenkat fl-Appendiċi I).

Meta Interfaċċa Komuni tkun f'użu komuni mat-TSI dwar it-TAP, l-iżvilupp u t-tibdiliet għandhom jitwettqu mill-qrib kemm jista' jkun mat-TSI dwar it-TAP implimentata, sabiex jinkisbu l-aħjar sinerġiji. Abbażi tar-riżultati tal-verifika tal-awtentiċità tal-messaġġi daħlin, jista' jiġi implimentat livell minimu ta' rikonoxximent tal-messaġġi:

(i) pożittiv jintbagħat ACK;

(ii) negattiv jintbagħat NACK.

Interfaċċa Komuni tuża l-informazzjoni fir-repożitorju ċentrali sabiex tittratta l-kompiti msemmija hawn fuq.

Jekk attur jimplimenta "mera" lokali tar-Repożitorju Ċentrali, imbagħad dak l-attur irid - bil-mezzi tiegħu stess - jiżgura li l-"mera" lokali tkun kopja akkurata u aġġornata tar-Repożitorju Ċentrali.

4.2.11.6. Protokolli

Għall-iżviluppi jistgħu jintużaw biss protokolli li jappartjenu għas-Sett tal-Protokoll tal-Internet (magħruf komunement bħala TCP/IP, UDP/IP eċċ.).

4.3. **Speċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-interfaċċi**

Fid-dawl tar-rekwiżiti essenzjali fil-Kapitolu 3, l-ispeċifikazzjonijiet funzjonali u tekniċi tal-interfaċċi huma kif ġej:

4.3.1. *Interfaċċi mal-Infrastruttura tat-TSI*

Is-subsistema tal-infrastruttura tinkludi sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku, ta' trekkjar u ta' navigazzjoni: installazzjonijiet tekniċi għall-proċessar tad-*data* u għat-telekomunikazzjoni maħsuba għal servizzi tal-passiġġieri u għal servizzi tal-merkanzija fuq distanzi twal fin-network sabiex jiggarantixxu l-operazzjoni sikura u armonjuża tan-network u l-ġestjoni effiċjenti tat-traffiku.

Is-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija tuża d-*data* meħtieġa għal skopijiet operazzjonali kif mogħtija mill-kuntratt tal-mogħdija, possibbilment kompletata mid-*data* ta' restrizzjoni tal-infrastruttura, kif ipprovdut mill-IM. Għalhekk, ma teżisti l-ebda interfaċċa diretta bejn din it-TSI u t-TSI għall-infrastruttura.

4.3.2. *Interfaċċi mat-TSI tal-Kontroll/Kmand u tas-Sinjalar*

L-unika konnessjoni mal-kontroll/kmand u s-sinjalar hija permezz

— tal-kuntratt tal-Mogħdija, fejn fi ħdan id-deskrizzjoni tas-segment tal-linja tingħata l-informazzjoni rilevanti dwar it-tagħmir li jista' jintuża għall-kontroll/kmand u għas-sinjalar, u

— diversi Bażijiet ta' *Data* ta' Referenza dwar ir-Rolling Stock, fejn irid jinħażen it-tagħmir ta' kontroll/kmand u ta' sinjalar tar-rolling stock.

4.3.3. *Interfaċċi mas-subsistema tar-rolling stock*

Is-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-merkanzija tidentifika d-*data* teknika u operazzjonali li trid tkun disponibbli għar-rolling stock.

It-TSI dwar ir-rolling stock tispeċifika l-karatteristiċi ta' vagun. Jekk il-karatteristiċi jinbidlu għal vagun, dan irid jiġi aġġornat fil-Bażijiet ta' *Data* ta' Referenza dwar ir-Rolling Stock fi ħdan il-proċess normali ta' manutenzjoni għall-bażi ta' *data*. Għalhekk, ma teżisti l-ebda interfaċċa diretta bejn din it-TSI u t-TSI għar-rolling stock.

4.3.4. *Interfaċċi mat-TSI operazzjoni u ġestjoni tat-traffiku*

Is-subsistema Operazzjoni u Ġestjoni tat-Traffiku tispeċifika l-proċeduri u t-tagħmir relatat li jippermettu l-operazzjoni koerenti tas-subsistemi strutturali differenti, kemm matul l-operazzjoni normali kif ukoll dik degradata, inkluż b'mod partikolari s-sewqan tal-ferroviji, l-ippjanar u l-ġestjoni tat-traffiku.

Is-subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija tispeċifika primarjament l-applikazzjonijiet għas-servizzi tal-merkanzija inkluż il-monitoraġġ f'ħin reali tal-merkanzija u tal-ferroviji u l-ġestjoni ta' konnessjonijiet ma' modi oħra tat-trasport. Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza bejn iż-żewġ TSIs, tapplika l-proċedura li ġejja.

Meta jinkitbu l-ispeċifikazzjonijiet tat-TSI Operazzjoni u Ġestjoni tat-Traffiku relatati mar-rekwiżiti ta' din it-TSI u/jew meta dawn ikunu soġġetti għal emendi, il-korp inkarigat minn din it-TSI jrid jiġi kkonsultat.

Fil-każ li l-ispeċifikazzjonijiet ta' din it-TSI relatati mar-rekwiżiti operazzjonali speċifikati fit-TSI Operazzjoni u Ġestjoni tat-Traffiku jkunu soġġetti għal xi emenda, il-korp inkarigat mit-TSI Operazzjoni u Ġestjoni tat-Traffiku jrid jiġi kkonsultat.

4.3.5. *Interfaċċi mal-Applikazzjonijiet Telematiċi għas-Servizzi tal-Passiġġieri*

Interfaċċa	TSI dwar l-Applikazzjonijiet Telematiċi ta' Referenza għall-Merkanzija	TSI dwar l-Applikazzjonijiet Telematiċi ta' Referenza għall-passiġġieri
Ferrovija lesta	4.2.3.3 Messaġġ ta' ferrovija lesta	4.2.14.1 Messaġġ ta' ferrovija lesta għall-ferroviji kollha
Tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija	4.2.4.2 Messaġġ ta' tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija	4.2.15.2 Messaġġ ta' "Tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija" għall-ferroviji kollha
Informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija	4.2.4.3 Informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija	4.2.15.1 Messaġġ ta' "Informazzjoni dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija" għall-ferroviji kollha
Ċirkolazzjoni tal-ferrovija interrotta għall-RU	4.2.5.2 Operazzjoni tal-ferroviji inter-rotta	4.2.16.2 Messaġġ ta' "Ċirkolazzjoni tal-ferrovija interrotta" għall-ferroviji kollha
Trattament tad-*data* tal-iskeda ta' żmien għal terminu qasir	4.2.2 Talba għal Mogħdija	4.2.17 Trattament tad-*data* tal-iskeda ta' żmien għal terminu qasir għall-ferroviji
Interfaċċa Komuni	4.2.11.6 Interfaċċa Komuni	4.2.21.7 Interfaċċa komuni għall-komunikazzjoni RU/IM
Repożitorju Ċentrali	4.2.11.5 Repożitorju Ċentrali	4.2.21.6 Repożitorju Ċentrali
Fajls ta' Referenza	4.2.10.1 Fajls ta' referenza	4.2.19.1 Fajls ta' referenza

4.4. **Regoli operatorji**

Fid-dawl tar-rekwiżiti essenzjali fil-Kapitolu 3, ir-regoli operatorji speċifiċi għas-subsistema kkonċernata minn din it-TSI huma kif ġej:

4.4.1. *Kwalità tad-data*

Għall-finijiet tal-garanzija tal-kwalità tad-*data*, l-oriġinatur ta' kwalunkwe messaġġ tat-TSI se jkun responsabbli għall-korrettezza tal-kontenut tad-*data* tal-messaġġ fil-ħin meta jintbagħat il-messaġġ. Meta d-*data* tas-sors għall-finijiet tal-garanzija tal-kwalità tad-*data* tkun disponibbli mill-bażijiet ta' *data* pprovduti bħala parti mit-TSI, id-*data* li tinsab f'dawk il-bażijiet ta' *data* trid tintuża għall-garanzija tal-kwalità tad-*data*.

Meta d-*data* tas-sors għall-finijiet tal-garanzija tal-kwalità tad-*data* ma tkunx ipprovduta mill-bażijiet ta' *data* pprovduti bħala parti minn din it-TSI, l-oriġinatur tal-messaġġ irid jagħmel il-verifika tal-garanzija tal-kwalità tad-*data* mir-riżorsi tiegħu stess.

L-assigurazzjoni tal-kwalità tad-*data* tinkludi tqabbil mad-*data* minn bażijiet ta' *data* pprovduti bħala parti minn din it-TSI kif deskritt hawn fuq flimkien ma', fejn applikabbli, verifiki loġiċi sabiex jiġu ggarantiti l-puntwalità u l-kontinwità tad-*data* u tal-messaġġi.

Id-*data* tkun ta' kwalità għolja jekk tkun adattata għall-użi maħsuba għaliha, li jfisser li din tkun

— mingħajr żbalji: aċċessibbli, preċiża, puntwali, kompluta, konsistenti ma' sorsi oħra, eċċ., u

— ikollha l-karatteristiċi mixtieqa: livell ta' dettall rilevanti, komprensiv u xieraq, faċli sabiex tinqara, faċli sabiex tiġi interpretata, eċċ.

Il-kwalità tad-*data* hija kkaratterizzata prinċipalment minn:

— Akkuratezza,

— Kompletezza,

— Konsistenza,

— Puntwalità.

Akkuratezza:

L-informazzjoni (*data*) meħtieġa trid tingħabar kemm jista' jkun ekonomikament. Dan huwa fattibbli biss jekk id-*data* primarja tiġi rreġistrata biss, jekk possibbli, f'okkażjoni waħda għat-trasport kollu. Għalhekk, jenħtieġ li d-*data* primarja tiġi introdotta fis-sistema qrib kemm jista' jkun tas-sors tagħha, sabiex tkun tista' tiġi integrata bis-sħiħ fi kwalunkwe operazzjoni ta' proċessar ulterjuri.

Kompletezza:

Qabel ma jintbagħtu l-messaġġi, il-kompletezza u s-sintassi jridu jiġu vverifikati bl-użu tal-metadata. Dan jevita wkoll traffiku ta' informazzjoni bla bżonn fuq in-network.

Il-messaġġi deħlin kollha jridu jiġu vverifikati wkoll għall-kompletezza billi tintuża l-metadata.

Konsistenza:

Ir-regoli tan-negozju jridu jiġu implimentati sabiex tiġi ggarantita l-konsistenza. Jenħtieġ li jiġi evitat id-dħul doppju u s-sid tad-*data* jenħtieġ li jiġi identifikat b'mod ċar.

It-tip ta' implimentazzjoni ta' dawn ir-regoli tan-negozju jiddependi mill-kumplessità tar-regola. Għal regoli sempliċi, il-limitazzjonijiet tal-bażi ta' *data* u l-iskattaturi huma biżżejjed. Fil-każ ta' regoli aktar kumplessi, li jeħtieġu *data* minn tabelli varji, iridu jiġu implimentati proċeduri ta' validazzjoni li jivverifikaw il-konsistenza tal-verżjoni tad-*data* qabel ma tiġi ġġenerata d-*data* tal-interfaċċa u l-verżjoni tad-*data* l-ġdida ssir operazzjonali. Irid jiġi żgurat li d-*data* trasferita tkun ivvalidata skont ir-regoli tan-negozju definiti.

Puntwalità:

L-għoti ta' informazzjoni fil-ħin huwa punt importanti. Sa fejn l-iskattar għall-ħżin tad-*data* jew it-trażmissjoni tal-messaġġ tkun xprunata direttament mis-sistema tal-IT, il-puntwalità ma tkunx problema jekk is-sistema tkun imfassla b'mod tajjeb skont il-ħtiġijiet tal-proċessi tan-negozju. Iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-inizjalizzazzjoni għat-trażmissjoni ta' messaġġ issir minn operatur jew tal-anqas tkun ibbażata fuq input addizzjonali minn operatur. Sabiex jiġu sodisfatti r-rekwiżiti tal-puntwalità, l-aġġornar tad-*data* jrid isir mill-aktar fis possibbli wkoll sabiex jiġi ggarantit li l-messaġġi jkollhom il-kontenut effettiv tad-*data* meta jintbagħtu awtomatikament mis-sistema.

Il-ħin tar-rispons għall-mistoqsijiet irid jiġi indirizzat għad-diversi applikazzjonijiet u tipi ta' utenti fi ħdan l-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-IT. L-aġġornamenti u l-iskambji kollha tad-*data* għandhom jitwettqu kemm jista' jkun malajr.

Metrika tal-kwalità tad-data:

L-ispeċifikazzjonijiet dettaljati tal-IT għandhom jiddefinixxu l-perċentwali xierqa għal:

— il-kompletezza tad-*data* (perċentwal ta' kampi tad-*data* li fihom il-valuri mdaħħla fihom) u l-konsistenza tad-*data* (perċentwal ta' valuri li jaqblu bejn it-tabelli/il-fajls/ir-rekords),

— il-puntwalità tad-*data* (perċentwal tad-*data* disponibbli fi ħdan limitu ta' żmien speċifikat),

— l-akkuratezza meħtieġa (perċentwal tal-valuri maħżuna li huma korretti meta mqabbla mal-valur effettiv).

4.4.2. *Operazzjoni tar-repożitorju ċentrali*

Il-funzjonijiet tar-repożitorju ċentrali huma definiti fil-Kapitolu 4.2.11.5 (Repożitorju Ċentrali). Għall-fini tal-garanzija tal-kwalità tad-*data*, l-entità li topera r-repożitorju ċentrali għandha tkun responsabbli għall-aġġornar u għall-kwalità tal-metadata kif ukoll għall-amministrazzjoni tal-kontroll tal-aċċess. Fir-rigward tal-kwalità tal-metadata f'termini ta' kompletezza, ta' konsistenza, ta' puntwalità u ta' akkuratezza, din għandha tippermetti l-funzjonament xieraq għall-finijiet ta' din it-TSI.

4.5. Regoli dwar il-manutenzjoni

Fid-dawl tar-rekwiżiti essenzjali fil-Kapitolu 3, ir-regoli speċifiċi dwar il-manutenzjoni għas-subsistema kkonċernata minn din it-TSI huma kif ġej:

Il-kwalità tas-servizz tat-trasport trid tkun garantita anke jekk it-tagħmir tal-proċessar tad-*data* jġarrab ħsara kompluta jew parzjali. Għalhekk, huwa rakkomandabbli li jiġu installati sistemi jew kompjuters duplex bi grad partikolarment għoli ta' affidabbiltà, u li għalihom tiġi żgurata l-operazzjoni mingħajr interruzzjoni matul il-manutenzjoni.

L-aspetti tal-manutenzjoni li jirrigwardaw id-diversi bażijiet ta' *data* huma msemmija fil-Kapitolu 4.2.10.3 (Rekwiżiti Addizzjonali dwar il-Bażijiet ta' *Data*).

4.6. Kwalifiki professjonali

Il-kwalifiki professjonali tal-persunal meħtieġa għall-operazzjoni u għall-manutenzjoni tas-subsistema u għall-implimentazzjoni tat-TSI huma kif ġej:

L-implimentazzjoni ta' din it-TSI ma teħtieġx sistema ġdida sħiħa fil-hardware u fis-software b'persunal ġdid. L-issodisfar tar-rekwiżiti tat-TSI jwassal biss għal tibdiliet, għal titjib jew għal tkabbir funzjonali tal-operazzjoni peress li dan diġà jsir mill-persunal eżistenti. Għalhekk, ma hemm l-ebda rekwiżit addizzjonali għar-regoli nazzjonali u Ewropej eżistenti dwar il-kwalifiki professjonali.

Jekk ikun meħtieġ, it-taħriġ supplimentari tal-persunal ma għandux jikkonsisti biss fit-turija ta' kif jaħdem it-tagħmir. Il-membru tal-persunal irid ikun jaf u jifhem ir-rwol speċifiku tiegħu fil-proċess tat-trasport ġenerali. Il-persunal irid b'mod partikolari jkun konxju tar-rekwiżit li jinżamm livell għoli ta' prestazzjoni tax-xogħol, peress li dan huwa fattur deċiżiv għall-affidabbiltà tal-informazzjoni li tkun se tiġi pproċessata fi stadju sussegwenti.

Il-kwalifiki professjonali meħtieġa għall-kompożizzjoni u għall-operazzjoni tal-ferroviji huma definiti fit-TSI Operazzjoni u Ġestjoni tat-Traffiku.

4.7. Kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza

Il-kundizzjonijiet tas-saħħa u tas-sikurezza tal-persunal meħtieġa għall-operazzjoni u għall-manutenzjoni tas-subsistema kkonċernata (jew l-ambitu tekniku kif definit fil-paragrafu 1.1) u għall-implimentazzjoni tat-TSI huma kif ġej:

Ma hemm l-ebda rekwiżit addizzjonali għar-regoli nazzjonali u Ewropej eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza.

5. KOSTITWENTI TAL-INTEROPERABBILTÀ

5.1. Definizzjoni

Ara l-Artikolu 2(7) tad-Direttiva (UE) 2016/797:

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà huma "kwalunkwe komponent elementari, grupp ta' komponenti, binja parzjali jew binja sħiħa ta' tagħmir inkorporat jew intiż biex jiġi inkorporat fis-subsistema li fuqha l-interoperabbiltà tas-sistema ferrovjarja tiddependi direttament jew indirettament". Il-kunċett ta' "kostitwent" ikopri "kemm oġġetti tanġibbli kif ukoll oġġetti intanġibbli" bħal software.

5.2. Lista ta' Kostitwenti

Il-kostitwenti tal-interoperabbiltà huma koperti bid-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2016/797.

Ma hemmx kostitwenti tal-interoperabbiltà ddeterminati fir-rigward tas-subsistema Applikazzjonijiet telematiċi għall-Merkanzija.

Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti ta' din it-TSI huwa meħtieġ biss tagħmir tal-IT standard, mingħajr ebda aspett speċifiku għall-interoperabbiltà fl-ambjent ferrovjarju. Dan huwa validu għall-komponenti tal-hardware u għas-software standard użat bħas-sistema operattiva u l-bażijiet ta' *data*. Is-software tal-applikazzjonijiet huwa individwali fuq in-naħa ta' kull utent u jista' jiġi adattat u jittejjeb skont il-funzjonalità u l-ħtiġijiet effettivi individwali. L-"arkitettura tal-integrazzjoni tal-applikazzjoni" proposta tassumi li l-applikazzjonijiet jista' ma jkollhomx l-istess mudell intern ta' informazzjoni. L-integrazzjoni tal-applikazzjoni hija definita bħala l-proċess li bih sistemi ta' applikazzjoni mfassla b'mod indipendenti jaħdmu flimkien.

5.3. Prestazzjonijiet u Speċifikazzjonijiet tal-Kostitwenti

Ara l-Kapitolu 5.2, mhux rilevanti għat-TSI "Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija".

6. VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ U/JEW TAL-IDONEITÀ GĦALL-UŻU TAL-KOSTITWENTI U VERIFIKA TAS-SUBSISTEMA

6.1. Kostitwenti tal-Interoperabbiltà

6.1.1. *Proċeduri ta' Valutazzjoni*

Mhux rilevanti għat-TSI Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija.

6.1.2. *Modulu*

Mhux rilevanti għat-TSI Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija.

6.2. Subsistema Applikazzjonijiet Telematiċi għall-Merkanzija

Skont l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/797, is-subsistemi jitqassmu f'żoni strutturali u funzjonali.

Il-valutazzjoni tal-konformità hija obbligatorja għat-TSIs fil-qasam strutturali. Is-Subsistema Applikazzjoni Telematika għall-Merkanzija hija parti mill-qasam funzjonali u din it-TSI ma tiddetermina l-ebda modulu għall-valutazzjoni tal-konformità.

6.2.1. *Valutazzjoni tal-konformità tal-għodod tal-IT*

Il-proġetti inkarigati mill-għodod tal-IT użati mis-settur ferrovjarju Ewropew jistgħu jitolbu lill-Aġenzija tivvaluta l-konformità ta' dawk billi tqabbilhom mar-rekwiżiti tat-TSI.

It-talba għall-valutazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn:

— Dokument ta' Każijiet ta' Użu inklużi:

— Funzjoni tat-TSI dwar it-TAF koperta

— Referenza għall-kapitolu tat-TSI dwar it-TAF

— Lista u dokumentazzjoni tal-messaġġi (inkluża s-sekwenza tagħhom) li jridu jiġu ttestjati

— Deskrizzjoni tas-Sistema tal-IT, li tuża messaġġi tat-TAF

— Deskrizzjoni tal-interfaċċa ta' komunikazzjoni tas-Sistema tal-IT (CI, oħrajn eċċ.)

— Informazzjoni jekk it-talba tkun għal objettiv intermedju ta' proġett iffinanzjat mill-UE

— Verżjoni tad-dokumenti tekniċi tat-TSI dwar it-TAF rilevanti għall-ambitu tal-valutazzjoni tal-konformità

— Il-fajl(s) XML tas-Sistema tal-IT u l-fajl(s) XSD korrispondenti tagħhom

L-Aġenzija twettaq test tal-konformità tat-TSI dwar it-TAF u toħroġ rapport ta' valutazzjoni tal-konformità tal-Aġenzija lill-applikant fi żmien 3 xhur wara li tikkonferma l-kompletezza. Ir-rapport ta' konformità jkopri l-aspetti li ġejjin:

— Jekk il-Messaġġ(i) iġorr(u)x l-elementi obbligatorji kollha mit-TSI dwar it-TAF,

— Jekk il-Messaġġ(i) jikkonforma(w)x mad-dokumenti tekniċi tat-TSI dwar it-TAF,

— Jekk is-sekwenza tal-Messaġġi tikkonformax mat-TSI dwar it-TAF.

Jistgħu jitwasslu wkoll messaġġi minbarra XML għat-test sabiex jiġi ddeterminat jekk dawn iġorrux elementi obbligatorji mit-TSI dwar it-TAF. F'dan il-każ minflok il-fajl(s) XSD tas-Sistema tal-IT, għandha tintbagħat deskrizzjoni tal-istruttura tal-messaġġ b'deskrizzjoni tal-elementi/kampi tad-*data*, filwaqt li jissemmew, meta jkunu applikabbli, l-istandard(s) applikat(i) u l-verżjoni tiegħu/tagħhom.

7. IMPLIMENTAZZJONI

7.1. Introduzzjoni

Din it-TSI tikkonċerna s-subsistema applikazzjonijiet telematiċi għall-merkanzija. Din is-subsistema hija funzjonali skont l-Anness II tad-Direttiva (UE) 2016/797. Għalhekk, l-applikazzjoni ta' din it-TSI ma tiddependix fuq il-kunċett ta' subsistema ġdida, imġedda jew aġġornata, kif inhu komuni fil-każ ta' TSIs relatati mas-subsistemi strutturali, ħlief fejn ikun speċifikat fit-TSI.

(a) Governanza tal-proġett

L-iżvilupp u l-varar jitqiegħdu taħt il-governanza tal-Kumitat ta' Tmexxija.

Il-Kumitat ta' Tmexxija għandu jiddefinixxi l-istruttura ta' ġestjoni strateġika sabiex timmaniġġja u tikkoordina b'mod effiċjenti l-ħidma għall-implimentazzjoni tat-TSI dwar it-TAF. Dan għandu jinvolvi l-istabbiliment tal-politika, id-direzzjoni strateġika u l-prijoritizzazzjoni.

Il-Kumitat ta' Tmexxija, kopresedut mill-Kummissjoni u minn persuna nnominata mill-korpi rappreżentattivi tas-settur ferrovjarju, għandu jkun magħmul minn dawn:

— il-korpi rappreżentattivi mis-settur ferrovjarju li jaġixxu fuq livell Ewropew kif definit fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (UE) 2016/796 ("il-korpi rappreżentattivi tas-settur ferrovjarju");

— l-Aġenzija;

— il-Kummissjoni, kif ukoll

— organizzazzjonijiet oħra proposti sabiex jiġu inklużi fil-Kumitat ta' Tmexxija bħala osservaturi meta jkun hemm raġunijiet tekniċi u organizzazzjonali sodi sabiex isir dan.

(b) Żvilupp tas-sistema

L-atturi kkonċernati kollha għandhom jimplimentaw is-sistema billi jsegwu l-pjan direttur individwali tagħhom. Għall-atturi li ma ssottomettewx pjan direttur individwali, il-pjan individwali komunikat tagħhom huwa vinkolanti.

(c) Proċess ta' monitoraġġ tal-varar u tal-operazzjoni

Il-monitoraġġ tal-varar u tal-operazzjoni armonizzati madwar l-Ewropa huwa ġestit mill-Grupp ta' Kooperazzjoni għall-Implimentazzjoni (ICG) tat-TAF.

L-ICG, stabbilit u ġestit mill-Aġenzija, huwa magħmul minn dawn li ġejjin:

— l-Aġenzija;

— il-Punti ta' Kuntatt Nazzjonali (ara l-Appendiċi III);

— il-Korpi Rappreżentattivi, kif ukoll

— organizzazzjonijiet oħra maħtura mill-Aġenzija u li għandhom esperjenza teknika u organizzazzjonali rilevanti.

L-ICG huwa responsabbli għal dawn li ġejjin:

— il-valutazzjoni tal-progress tal-implimentazzjoni u tal-operazzjoni, l-analiżi tad-devjazzjonijiet mill-Pjan Direttur u l-proposti ta' azzjonijiet ta' titjib;

— l-assistenza lill-NCPs sabiex isegwu l-implimentazzjoni u l-operazzjoni tat-TSI dwar it-TAF fil-livell nazzjonali;

— l-approvazzjoni tar-rapporti dwar l-implimentazzjoni u l-operazzjoni tat-TSI dwar it-TAF;

— rapportar permezz tal-Aġenzija lill-Kummissjoni Ewropea.

7.2. **Ġestjoni tat-Tibdil**

7.2.1. *Proċess ta' Ġestjoni tat-Tibdil*

Il-proċeduri ta' ġestjoni tat-tibdil għandhom jitfasslu sabiex jiżguraw li l-kostijiet u l-benefiċċji tat-tibdil jiġu analizzati kif suppost u li t-tibdiliet jiġu implimentati b'mod kontrollat. Dawn il-proċeduri għandhom jiġu definiti, implimentati, appoġġati u ġestiti mill-Aġenzija u għandhom jinkludu:

— l-identifikazzjoni tal-limitazzjonijiet tekniċi li jwasslu għat-tibdil,

— dikjarazzjoni ta' min jieħu r-responsabbiltà għall-proċeduri ta' implimentazzjoni tat-tibdil,

— il-proċedura għall-validazzjoni tat-tibdiliet li għandhom jiġu implimentati,

— il-politika għall-ġestjoni, għar-rilaxx, għall-migrazzjoni u għat-tnedija tat-tibdil,

— id-definizzjoni tar-responsabbiltajiet għall-ġestjoni tal-ispeċifikazzjonijiet dettaljati u kemm għall-garanzija tal-kwalità kif ukoll għall-ġestjoni tal-konfigurazzjoni tagħha.

Il-Bord għall-Kontroll tal-Bidla (CCB) għandu jkun magħmul mill-Aġenzija, korpi rappreżentattivi tas-settur ferrovjarju u l-Istati Membri. Tali affiljazzjoni tal-partijiet għandha tiżgura perspettiva dwar it-tibdiliet li għandhom isiru u valutazzjoni ġenerali tal-implikazzjonijiet tagħhom. Is-CCB fl-aħħar mill-aħħar għandu jinġieb taħt il-patroċinju tal-Aġenzija.

7.2.2. *Proċess Speċifiku ta' Ġestjoni tat-Tibdil għad-dokumenti elenkati fl-Appendiċi I ta' dan ir-Regolament*

Il-ġestjoni tal-kontroll tat-tibdil għad-dokumenti elenkati fl-Appendiċi I ta' dan ir-Regolament għandha tiġi stabbilita mill-Aġenzija f'konformità mal-kriterji li ġejjin:

(1) Ir-rikjesti għat-tibdil li jaffettaw id-dokumenti jitressqu mill-Istati Membri jew mill-korpi rappreżentattivi tas-settur ferrovjarju li jaġixxu fil-livell Ewropew kif definit fl-Artikolu 38(4) tar-Regolament (UE) 2016/796, jew permezz tal-Kumitat ta' Tmexxija tat-TSI tat-TAF.

(2) L-Aġenzija għandha tiġbor u taħżen it-talbiet għal tibdil.

(3) L-Aġenzija għandha tippreżenta t-talbiet għal tibdil lill-grupp ta' ħidma dedikat tal-ERA, li jevalwahom u jipprepara proposta akkumpanjata minn evalwazzjoni ekonomika, fejn xieraq.

(4) Wara dan, l-Aġenzija għandha tippreżenta kull talba għal tibdil u l-proposta assoċjata lill-bord ta' kontroll tat-tibdil li jivvalida jew ma jivvalidax jew jipposponi t-talba għal tibdil.

(5) Jekk it-talba għal tibdil ma tiġix ivvalidata, l-Aġenzija għandha tibgħat lura lil min jagħmel it-talba r-raġuni għar-rifjut jew talba għal informazzjoni addizzjonali dwar l-abbozz tat-talba għal tibdil.

(6) Jekk it-talba għal tibdil tiġi vvalidata, id-dokument tekniku għandu jiġi emendat.

(7) Jekk ma jkun jista' jintlaħaq l-ebda kunsens dwar il-validazzjoni ta' talba għal tibdil, l-Aġenzija għandha tissottometti lill-Kummissjoni rakkomandazzjoni sabiex taġġorna d-dokumenti elenkati fl-Appendiċi I flimkien mal-abbozz tal-verżjoni l-ġdida tad-dokument, it-talbiet għal tibdil u l-evalwazzjoni ekonomika tagħhom u għandha tagħmel dawn id-dokumenti disponibbli fuq is-sit web tagħha.

(8) Il-verżjoni l-ġdida tad-dokument tekniku flimkien mat-talbiet għal tibdil validati għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit tal-Aġenzija. L-Aġenzija żżomm lill-Istati Membri informati permezz tal-Kumitat stabbilit f'konformità mal-Artikolu 51(1) tad-Direttiva (UE) 2016/797.

(9) Jekk talba għal tibdil tkun teħtieġ tibdil fit-test legali tat-TSI dwar it-TAF, l-Aġenzija għandha tibgħat talba lill-Kummissjoni Ewropea sabiex titlob reviżjoni tat-TSI dwar it-TAF u/jew titlob l-opinjoni teknika mill-Aġenzija.

(10) Fejn il-ġestjoni tal-kontroll ta' tibdil taffettwa elementi li huma f'użu komuni fi ħdan it-TAP STI, it-tibdiliet għandhom isiru b'mod li jibqgħu qrib kemm jista' jkun mat-TAP STI implimentata, sabiex jinkisbu l-aħjar sinerġiji.

Appendiċi I

Lista ta' dokumenti tekniċi

Il-verżjoni fis-seħħ ta' dawn id-dokumenti tekniċi hija ppubblikata fuq is-sit web tal-Aġenzija.

Nru	Referenza	Titolu
1	ERA-TD-100	TSI DWAR IT-TAF — ANNESS A.5: ILLUSTRAZZJONIJIET U DIJAGRAMMI TA' SEKWENZA TAL-MESSAĠĠI TAT-TSI DWAR IT-TAF
2	ERA-TD-101	TSI DWAR IT-TAF — Anness D.2: Appendiċi A (Ippjanar tal-Vjaġġi tal-Vaguni/ILU)
3	ERA-TD-102	TSI DWAR IT-TAF — Anness D.2: Appendiċi B — Bażi ta' *Data* Operazzjonali tal-Vaguni u tal-Unitajiet Intermodali (WIMO)
4	ERA-TD-103	TSI DWAR IT-TAF — Anness D.2: Appendiċi C — Fajls ta' Referenza
5	ERA-TD-104	TSI DWAR IT-TAF — Anness D.2: Appendiċi E — Interfaċċa Komuni
6	ERA-TD-105	TSI DWAR IT-TAF — Anness D.2: Appendiċi F — Mudell tad-*Data* u tal-Messaġġi tat-TSI dwar it-TAF

Appendiċi II

Glossarju

Terminu	Deskrizzjoni
AB	Ara l-Korp ta' allokazzjoni
Korp ta' allokazzjoni	Il-korp responsabbli għall-allokazzjoni tal-mogħdijiet, li huwa indipendenti fil-forma ġuridika, fl-organizzazzjoni u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu minn kwalunkwe impriża ferrovjarja (id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])).
Applikant	tfisser impriża ferrovjarja jew raggruppament internazzjonali ta' impriżi ferrovjarji jew ta' persuni jew ta' entitajiet ġuridiċi oħra, bħal awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u konsenjaturi, spedizjoniera u operaturi tat-trasport kombinat, b'interess ta' servizz pubbliku jew b'interess kummerċjali fl-akkwist tal-kapaċità tal-infrastruttura (Direttiva 2012/34/UE (3)). L-applikant jista' jieħu r-rwoli u l-kompiti u r-responsabbiltajiet assenjati ta' RU Ewlenija (Impriża ferrovjarja ewlenija) u/jew ta' Applikant Responsabbli u/jew ta' RU Responsabbli skont dikjarazzjoni speċifika dwar in-network.
Ferrovija blokka	Forma speċifika ta' ferrovija diretta b'vaguni biss kemm ikun hemm bżonn, li jimxu bejn żewġ punti ta' trażbord mingħajr marshalling intermedju.
Prenotazzjoni	Il-proċess li bih issir riżervazzjoni għall-ispazju fuq mezz tat-trasport għall-moviment tal-merkanzija.
CA	Awtorità taċ-Ċertifikazzjoni
Kodiċi NM	Lista tal-Kodiċijiet bi 8 ċifri għall-prodotti użati mill-klijenti.
Trasport kombinat bit-triq u bil-ferrovija jew Trasport Kombinat	It-trasport intermodali li fih il-parti l-kbira tal-vjaġġ Ewropew isir bil-ferrovija u kwalunkwe komponent inizjali u/jew finali mwettaq bit-triq ikun qasir kemm jista' jkun.
Konsenjatarju	Il-parti li tirċievi l-merkanzija. Sinonimu: Riċevitur tal-oġġetti
Konsenja	Merkanzija mibgħuta skont kuntratt wieħed ta' trasport. Fit-trasport kombinat, dan it-terminu jista' jintuża għal skopijiet statistiċi, sabiex jitkejlu l-unitajiet tat-tagħbija jew il-vetturi tat-triq.
Nota ta' konsenja	Dokument, li juri kuntratt għat-trasport għat-trasportazzjoni trasportatur ta' konsenja waħda minn post ta' aċċettazzjoni msemmi għal post ta' konsenja partikolari. Fih dettalji tal-konsenja li għandha tingħarr.
Konsenjatur	Parti li, permezz ta' kuntratt ma' Integratur ta' Servizz, tikkonsenja jew tibgħat oġġetti mat-trasportatur, jew twassalhom bih. Sinonimi: Konsenjatur, Speditur tal-oġġetti.
Mod ta' kooperazzjoni	Mod ta' operazzjoni tal-ferrovija meta diversi RUs jikkooperaw taħt it-tmexxija ta' RU waħda (LRU). Kull RU tikkuntratta l-mogħdija meħtieġa għall-vjaġġ tat-trasport għaliha waħedha.
CT	Trasport Kombinat
Klijent	Huwa l-entità li ħarġet in-nota ta' konsenja lill-RU Ewlenija.
Data/ħin tat-tluq, attwali	Id-data (u l-ħin) tat-tluq tal-mezz tat-trasport.
Ferrovija diretta	Ferrovija b'vaguni relatati li tgħaddi bejn żewġ punti ta' trażbord (sors inizjali – destinazzjoni finali) mingħajr marshalling intermedju.

Terminu	Deskrizzjoni
Detentur tad-dazju	Kwalunkwe individwu jew entità ġuridika responsabbli għar-riskju, li hija timporta fuq in-network, jiġifieri l-RU.
Kriptaġġ	Kodifikazzjoni tal-messaġġi Dekriptaġġ: konverżjoni tad-*data* kriptata lura f'forma oriġinali
ETA	Ħin Stmat tal-Wasla (fid-destinazzjoni). Il-ħin stmat tal-wasla (ETA) huwa l-ħin meta l-ferrovija tkun mistennija tasal f'ċertu post. L-istimi jistgħu jkunu bbażati fuq il-pjanijiet tal-produzzjoni (tbassir) u/jew il-kalkolu stokastiku.
ETH	Il-Ħin Stmat tat-Trasferiment tal-ferrovija minn IM għal ieħor.
ETI	Il-Ħin Stmat tal-Interkambju tal-vaguni minn RU għal ieħor.
ETP	Il-Ħin Stmat ta' Ġbir (fit-terminal intermodali tal-wasla)
Ħin Imbassar	L-aħjar stima tal-ħin tal-wasla, tat-tluq jew tal-passaġġ ta' ferrovija.
Gateway	Stazzjon fi ħdan il-vjaġġ ta' ferrovija b'unitajiet intermodali, fejn it-tagħbija tbiddel il-vaguni.
Piż gross tat-tagħbija	Il-piż (massa) totali prenotat/attwali tal-oġġetti, inkluż l-ippakkjar iżda esklużit-tagħmir tat-trasportatur.
Punt ta' maniġġ	Stazzjon fejn l-RU tista' tibdel il-kompożizzjoni tal-ferrovija, iżda fejn tibqa' responsabbli għall-vaguni, l-ebda tibdil fir-responsabbiltà.
Punt ta' trasferiment	Il-post tal-vjaġġ tal-ferrovija jew bejn żewġ mogħdijiet fejn ir-responsabbiltà għall-ippjanar u/jew għall-allokazzjoni u/jew għall-operazzjoni tinbidel minn IM għal ieħor. L-IM involut jassumi r-rwol ta' IM tal-Ippjanar.
Trasport tal-merkanzija	Trasport bit-triq
Kerrej	Kwalunkwe individwu jew entità ġuridika oħra nominata bħala tali mid-detentur/mis-sid ta' vagun.
Kodiċi SA	Lista ta' Kodiċi b'6 ċifri għall-prodotti użati mill-konsumaturi, b'mod identiku għall-ewwel 6 ċifri tal-Kodiċi NM.
IM	Maniġer tal-Infrastruttura tfisser xi korp jew ditta responsabbli b'mod partikolari għall-istabbiliment, għall-ġestjoni u għall-manutenzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja, inklużi l-ġestjoni tat-traffiku u l-kontroll-kmand u s-sinjalar; il-funzjonijiet tal-maniġer tal-infrastruttura fuq network jew fuq parti minn network jistgħu jiġu allokati lil korpi jew lil ditti differenti. Meta l-maniġer tal-infrastruttura, fil-forma ġuridika, fl-organizzazzjoni jew fil-funzjonijiet tat-teħid ta' deċiżjonijiet tiegħu, ma jkunx indipendenti minn kwalunkwe impriża ferrovjarja, il-funzjonijiet imsemmija fit-Taqsimiet 2 u 3 tal-Kapitolu IV għandhom jitwettqu rispettivament minn korp tal-imposti u minn korp tal-allokazzjoni li jkunu indipendenti fil-forma ġuridika, fl-organizzazzjoni u fit-teħid ta' deċiżjonijiet tagħhom minn kwalunkwe impriża ferrovjarja. (Id-Direttiva 2012/34/UE). IM jista' jassumi r-rwoli ta' IM Responsabbli u/jew ta' IM tal-Ippjanar
Maniġer tal-infrastruttura (IM)	Ara IM
Punt tad-Dħul tal-IM	Is-sezzjoni fejn il-ferrovija tas-CT tħalli ż-żona tat-terminal intermodali u tidħol fl-ewwel network pubbliku tal-IM
Punt tal-Ħruġ tal-IM	Sezzjoni fejn il-ferrovija tas-CT tħalli l-aħħar network tal-IM pubbliku u tidħol fit-terminal tal-wasla

Terminu	Deskrizzjoni
Interkambju	It-Trasferiment tal-kontroll minn impriża ferrovjarja għal oħra għal raġunijiet prattiċi ta' operazzjoni u ta' sikurezza. Xi eżempji huma: — Servizzi mħallta, — Servizzi b'responsabbiltà kondiviża tat-trasport tal-merkanzija, — It-trasferiment ta' informazzjoni bejn amministrazzjonijiet ferrovjarji differenti, — It-trasferiment ta' informazzjoni bejn is-sidien/id-detenturi tal-vaguni u l-operaturi tal-ferroviji.
Punt ta' interkambju	Il-post tal-vjaġġ tal-ferrovija jew ta' mogħdija fejn iseħħ it-trasferiment tar-responsabbiltà għall-ferrovija kollha minn RU Responsabbli għal RU Responsabbli ieħor.
Punt intermedju	Il-post li jiddefinixxi punt ta' vjaġġ jew ta' mogħdija tal-ferrovija bejn il-punt tal-bidu (l-oriġini) jew tat-tmiem (id-destinazzjoni) tagħha.
Integratur ta' Servizzi Intermodali	Kull korp jew impriża, li jkollha kuntratt mal-klijenti għat-trasport ta' unitajiet intermodali. Din tipprepara l-poloz tal-vjeġġ, timmaniġġja l-kapaċità fuq il-ferroviji blokka, eċċ.
Terminal intermodali	Il-post li jipprovdi l-ispazju, it-tagħmir u l-ambjent operazzjonali li fih isir it-trasferiment tal-unitajiet tat-tagħbija (kontejners tal-merkanzija, kaxxi skambjabbli, semitrejlers jew trejlers).
Trasport intermodali	Il-moviment tal-oġġetti fl-istess unità jew vettura tat-tagħbija li tuża suċċessivament diversi modi tat-trasport mingħajr maniġġ tal-oġġetti nfushom b'modi li jinbidlu.
Unità tat-Tagħbija Intermodali	Kontejners, kaxxi skambjabbli u semitrejlers adattati għat-trasport kombinat
Vjaġġ	"Vjaġġ" tfisser it-trażmissjoni ġeografika ta' ferrovija jew ta' vagun mgħobbi jew vojt mill-istazzjon tat-trażmissjoni għall-istazzjon tad-destinazzjoni.
Sezzjoni tal-vjaġġ	Hija l-parti tal-vjaġġ li ssir f'settur tal-infrastruttura ta' maniġer tal-infrastruttura jew Parti mill-vjaġġ mill-punt tat-trasferiment tad-dħul sal-punt tat-trasferiment tal-ħruġ tal-infrastruttura ta' maniġer tal-infrastruttura.
Detentur	Il-persuna, li tkun is-sid jew li jkollha d-dritt li tiddisponi minnha, tuża vettura ekonomikament b'mod permanenti bħala mezz tat-trasport u hija rreġistrata bħala tali fir-Reġistru tar-Rolling Stock.
Impriża Ferrovjarja Ewlenija	Applikant/RU, li hija responsabbli sabiex torganizza u tmexxi l-linja tat-trasport skont l-impenn tal-klijent. Hija l-punt uniku ta' kuntatt għall-klijent. Jekk aktar minn Impriża Ferrovjarja waħda tkun involuta fil-katina tat-trasport, l-LRU tkun responsabbli għall-koordinazzjoni tad-diversi Impriżi Ferrovjarji fir-rigward tal-armonizzazzjoni tal-vjaġġ tal-ferrovija, inklużi d-diversi talbiet għal mogħdija.
LRU	Ara Impriża Ferrovjarja Ewlenija
TISTA'/JISTA'/JISTGĦU	Din il-kelma, jew l-aġġettiv "MHUX OBBLIGATORJA/U/I", tfisser li oġġett ikun verament mhux obbligatorju. Bejjiegħ wieħed jista' jagħżel li jinkludi l-oġġett minħabba li suq partikolari ikun jeħtieġu jew minħabba li l-bejjiegħ iħoss li dan itejjeb il-prodott filwaqt li bejjiegħ ieħor jista' jħalli barra l-istess oġġett.

Terminu	Deskrizzjoni
	Implimentazzjoni, li ma tinkludix għażla partikolari, TRID titħejja sabiex tkun f'interoperazzjoni ma' implimentazzjoni oħra li tkun tinkludi l-għażla, għalkemm forsi b'funzjonalità mnaqqsa. Bl-istess mod, implimentazzjoni li fil-fatt tinkludi għażla partikolari, TRID titħejja sabiex tkun f'interoperazzjoni ma' implimentazzjoni oħra li ma tinkludix l-għażla (ħlief, naturalment, għall-karatteristika li tipprovdi l-għażla).
Metadata	Fi kliem sempliċi, hija *data* dwar *data*. Tiddeskrivi *data*, servizzi tas-software, u komponenti oħra li jinsabu fis-sistemi ta' informazzjoni tal-intrapriżi. Eżempji tat-tipi ta' metadata jinkludu definizzjonijiet standard tad-*data*, informazzjoni dwar il-postijiet u r-rotot, u ġestjoni tas-sinkronizzazzjoni għad-distribuzzjoni tad-*data* kondiviża.
TRID/IRID/IRIDU	Din il-kelma, jew it-termini " MEĦTIEĠ(A) " jew "GĦANDHOM", ifissru li d-definizzjoni hija rekwiżit assolut tal-ispeċifikazzjoni.
MA TISTAX/TISTAX/JISTGĦUX	Din il-frażi, jew il-frażi "MA GĦANDHIEX/GĦANDUX/GĦANDHOMX", tfisser li d-definizzjoni hija projbizzjoni assoluta tal-ispeċifikazzjoni.
Punt Uniku ta' Servizz (OSS)	Sħubija internazzjonali bejn il-Maniġers tal-Infrastruttura ferrovjarja li tipprovdi punt uniku ta' kuntatt għall-klijenti ferrovjarji għall-finijiet ta': — Ordni ta' mogħdijiet speċifiċi tal-ferroviji fit-traffiku internazzjonali tal-merkanzija, — Monitoraġġ tal-moviment kollu tal-ferroviji, — B'mod ġenerali, il-fatturazzjoni tat-tariffi għall-aċċess tal-binarji f'isem l-IMs.
Mod ta' Aċċess Miftuħ	Mod ta' operazzjoni tal-ferroviji li fih tkun involuta RU waħda biss, li tħaddem il-ferrovija fuq diversi infrastrutturi. Din l-RU tikkuntratta l-mogħdijiet meħtieġa mal-IMs kollha involuti.
OSS	Punt Uniku ta' Servizz
Mogħdija	Mogħdija tfisser il-kapaċità tal-infrastruttura meħtieġa li topera ferrovija bejn żewġ postijiet fuq perjodu ta' żmien partikolari (Rotta definita fil-ħin u fl-ispazju).
Assemblaġġ tal-mogħdija	It-tgħaqqid ta' mogħdijiet individwali tal-ferroviji sabiex tiġi estiża l-mogħdija f'termini ta' ħin u ta' spazju.
Bejn il-Pari	It-terminu "bejn il-pari" jirreferi għal klassi ta' sistemi u ta' applikazzjonijiet li jużaw riżorsi distribwiti sabiex iwettqu funzjoni kritika b'mod deċentralizzat. Ir-riżorsi jinkludu l-qawwa komputazzjonali, id-*data* (ħżin u kontenut), il-wisa' tal-banda tan-network, u l-preżenza (kompjuters, riżorsi umani u oħrajn). Il-funzjoni kritika tista' tkun il-computing distribwit, il-kondiviżjoni ta' *data*/kontenut, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, jew is-servizzi tal-pjattaforma. Id-deċentralizzazzjoni tista' tapplika għall-algoritmi, għad-*data* u għall-metadata, jew għal kollha kemm huma. Din ma tipprekludix iż-żamma taċ-ċentralizzazzjoni f'xi partijiet tas-sistemi u tal-applikazzjonijiet jekk tissodisfa r-rekwiżiti tagħhom.
PKI	Infrastruttura taċ-ċavetta pubblika
Post tal-konsenja	Il-post fejn issir il-konsenja (għandu jiġi pprovdut stazzjon ferrovjarju tat-tluq). Post fejn tinbidel ir-responsabbiltà għall-vagun.
Post tat-tluq	Il-post minn fejn ikun skedat li jitlaq jew telaq mezz tat-trasport.

Terminu	Deskrizzjoni
Post tad-destinazzjoni	Il-post li fih il-mezz tat-trasport ikun se jasal jew wasal. Sinonimu: Post tal-wasla
IM tal-Ippjanar	L-IM tal-Ippjanar (PIM) huwa l-Maniġer tal-Infrastruttura li huwa responsabbli għall-elaborazzjoni u għall-allokazzjoni ta' mogħdija. Iż-żona ta' responsabbiltà tal-PIM hija definita mill-punti ta' trasferiment eż. użati bħala l-ewwel/l-aħħar post tal-vjaġġ fl-Informazzjoni dwar il-Mogħdija ta' Messaġġ ta' Talba għal Mogħdija jew ta' mogħdija offruta/prenotata. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, l-RIM ikun l-istess entità tal-IM tal-Ippjanar. Madankollu, għal xi postijiet u/jew għal xi ferroviji, l-elaborazzjoni tal-mogħdijiet kif ukoll il-monitoraġġ tat-traffiku fl-operazzjonijiet jistgħu jiġu ddelegati wkoll lil IM ieħor.
PIM	Ara l-IM tal-Ippjanar
Perjodu ta' Qabel it-Tluq	Huwa l-ħin delta qabel il-ħin skedat tat-tluq. Il-perjodu ta' qabel it-tluq jibda fil-ħin skedat tat-tluq nieqes il-ħin delta u jintemm fil-ħin skedat tat-tluq.
Data primarja	*Data* bażika bħala input ta' *data* ta' referenza għal messaġġi jew bħala l-bażi għall-funzjonalità u għall-kalkolu ta' *data* derivata.
Tidħil fis-Servizz	Proċedura li tiddependi fuq l-approvazzjoni teknika ta' vagun u fuq kuntratt għall-użu ma' RU, li jippermetti l-operazzjoni kummerċjali tal-vagun.
Impriża Ferrovjarja (RU)	Impriża ferrovjarja (id-Direttiva (UE) 2016/798): tfisser impriża ferrovjarja kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2012/34/UE, u kwalunkwe impriża pubblika jew privata oħra, li l-attività tagħha tkun li tipprovdi trasport ta' oġġetti u/jew ta' passiġġieri bil-ferrovija fuq il-bażi li l-impriża trid tiżgura trazzjoni; din tinkludi wkoll impriżi li jipprovdu trazzjoni biss. RU tista' tassumi r-rwoli ta' RU Ewlenija u/jew ta' Applikant Responsabbli u/jew ta' RU Responsabbli
Applikant Responsabbli (RA)	L-RA huwa l-applikant/il-klijent u l-kuntrattur kif ukoll il-punt uniku ta' kuntatt għall-IM (maniġer tal-infrastruttura) rispettiv fil-fażi kollha tal-proċess ta' ppjanar. Il-kompitu ewlieni tar-rwol tal-RA huwa li jitlob il-prenotazzjoni tal-kapaċità lil IM. L-RA ma għandux għalfejn ikun Impriża Ferrovjarja, jista' jkun ukoll entità oħra, li tkun kapaċi u permessa li tipprenota l-kapaċità.
IM Responsabbli	L-IM Responsabbli (RIM) huwa l-Maniġer tal-Infrastruttura li huwa s-sid tan-network rispettiv u li huwa responsabbli għall-maniġġ operazzjonali kollu tal-ferroviji u tal-mogħdijiet fuq in-network tiegħu.
RU Responsabbli (RRU)	L-RRU hija responsabbli għaċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija fil-fażi tal-operazzjoni, għall-vjaġġ kollu jew għal parti mill-vjaġġ. Jekk aktar minn RRU waħda tkun involuta fl-operar tal-ferrovija, ir-responsabbiltà tiġi ttrasferita minn RRU waħda għall-RRU li jmiss fil-punt ta' interkambju. L-RRU hija l-entità ta' kuntatt għall-IM fil-fażi tal-operazzjoni għall-iskambju kollu tal-messaġġi. Abbażi ta' ftehim mal-Applikant Responsabbli, l-RRU tista' wkoll tinkariga lil sottokuntrattur biċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija, iżda l-RRU xorta tibqa' l-punt ta' kuntatt għall-IM fil-fażi tal-operazzjoni.
Data/ħin tar-rilaxx	Id-data/il-ħin meta l-oġġetti jkunu mistennija jiġu rrilaxxati jew ġew rilaxxati mill-klijent.

Terminu	Deskrizzjoni
Ħin tar-rilaxx għall-vaguni	Id-data u l-ħin meta l-vaguni jkunu lesti sabiex jinġibdu mill-post imsemmi fuq is-siding tal-klijent.
Affidabbiltà, Disponibbiltà, Mantenibbiltà, Sikurezza (RAMS)	Affidabbiltà — Il-kapaċità ta' bidu u ta' ssoktar tal-operazzjoni taħt kundizzjonijiet operatorji speċifikati għal perjodu speċifikat espressa matematikament; Disponibbiltà — Il-ħin fis-servizz meta mqabbel mal-ħin barra mis-servizz espress matematikament; Mantenibbiltà — Il-kapaċità ta' sistema li terġa' titqiegħed fis-servizz wara ħsara espress matematikament; Sikurezza — Il-probabbiltà li s-sistema tagħti bidu għal avveniment perikoluż espressa matematikament.
Punt ta' rapportar	Il-post fil-vjaġġ tal-ferrovija, li fih l-IM responsabbli jrid joħroġ "messaġġ ta' tbassir dwar iċ-ċirkolazzjoni tal-ferrovija" bit-TETA għall-RU kuntrattata għal mogħdija.
Repożitorju	Repożitorju huwa simili għal bażi ta' *data* u għal dizzjunarju tad-*data*; madankollu normalment jinkludi ambjent komprensiv ta' sistema ta' ġestjoni tal-informazzjoni. Irid jinkludi mhux biss deskrizzjonijiet tal-istrutturi tad-*data* (jiġifieri entitajiet u elementi), iżda anki metadata ta' interess għall-intrapriża, skrins tad-*data*, rapporti, programmi u sistemi. Tipikament, jinkludi sett intern ta' għodod tas-software, DBMS, metamudell, metadata popolata, u software ta' llowdjar u ta' rkupru għall-aċċessar tad-*data* tar-repożitorju.
RIV	Ir-regolamenti li jirregolaw l-użu reċiproku tal-vaguni fit-traffiku internazzjonali. Ir-regolamenti li jirregolaw l-użu reċiproku tat-tagħmir għat-tagħbija, tal-kontejners u tal-palits fit-traffiku internazzjonali.
Rotta	Il-mod ġeografiku li għandu jittieħed mill-punt tal-bidu sal-punt tad-destinazzjoni.
Sezzjoni tar-rotta	Parti minn rotta
RU	Ara Impriża Ferrovjarja
Ħin skedat tat-tluq	Id-Data u l-Ħin tat-tluq li għalihom tintalab il-mogħdija.
Skeda ta' Żmien Skedata	L-okkupazzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja definita kronoloġikament għal moviment ta' ferrovija fuq linja miftuħa jew fi stazzjonijiet. It-tibdiliet fl-iskedi ta' żmien jiġu pprovduti mill-IMs tal-anqas jumejn (2) qabel il-bidu tal-jum li fih il-ferrovija titlaq mill-oriġini tagħha. Din l-iskeda ta' żmien tapplika għal ġurnata speċifika. Magħrufa f'xi pajjiżi bħala l-Iskeda ta' Żmien Operazzjonali.
Interruzzjoni tas-Servizz	Tfisser il-waqfa mhux pjanata ta' ferrovija waqt l-operazzjoni, mingħajr ebda informazzjoni dwar il-kontinwazzjoni tal-vjaġġ
Forniturі ta' Servizz	Trasportatur responsabbli għal dan l-istadju speċifiku tat-trasport. Parti li tirċievi u timmaniġġa l-prenotazzjoni.
Konsenja	Vaguni jew unitajiet ta' tagħbija intermodali trasportati skont it-termini ta' konsenja waħda, irrispettivament mill-kwantità jew min-numru ta' kontejners, ta' pakketti, jew ta' biċċiet. Magħrufa wkoll bħala l-konsenja.
Talba għal mogħdija b'avviż qasir minn qabel	Talba individwali għal mogħdija skont id-Direttiva 2012/34/UE, minħabba talbiet għat-trasport jew ħtiġijiet operazzjonali addizzjonali.

Terminu	Deskrizzjoni
JENĦTIEĠ LI	Din il-kelma jew l-aġġettiv "RAKKOMANDAT(A/I)" ifisser li jista' jkun hemm raġunijiet validi f'ċirkostanzi partikolari sabiex jiġi injorat xi punt partikolari, iżda l-implikazzjonijiet sħaħ iridu jkunu mifhuma u ponderati bir-reqqa qabel ma jintgħażel perkors differenti.
JENĦTIEĠ LI, FIN-NEGATTIV	Din il-frażi, jew il-frażi "MHUWIEX/MHIJIEX/MHUMIEX RAKKOMANDAT(A/I)", tfisser li jista' jkun hemm raġunijiet validi f'ċirkostanzi partikolari meta l-imġiba partikolari tkun aċċettabbli jew saħansitra utli, iżda jenħtieġ li l-implikazzjonijiet sħaħ ikunu mifhuma u l-każ jiġi ponderat bir-reqqa qabel ma tiġi implimentata kwalunkwe mġiba deskritta b'din it-tikketta.
Partijiet ikkonċernati	Kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni b'interess raġonevoli fil-forniment ta' servizz ferrovjarju, eż.: Impriża Ferrovjarja (RU), Fornitur ta' monitoraġġ tal-konsenja, Fornitur tal-lokomottivi, Fornitur tal-vaguni, Fornitur tax-xufier/tal-ekwipaġġ tal-ferrovija, Fornitur ta' depost tat-tip hump, Fornitur ta' switch move, Integratur ta' servizzi, Fornitur ta' slots (IM), Kontrollur tal-ferroviji (IM), Maniġer tat-traffiku, Maniġer tal-flotta Fornitur ta' mezz ta' trasport tul korp tal-ilma, Vagun, spettur tal-lokomottivi, Vaguni, fornitur ta' tiswijiet tal-lokomottivi, Maniġer tal-konsenja, Fornitur tas-switching u tal-humping, Fornitur loġistiku, Konsenjatarju, Konsenjatur, **Barra minn hekk, għall-Intermodali:** Fornitur tal-Kontejner, Operatur tat-terminal intermodali, Fornitur tad-Drayage/Kumpanija tat-trasport tal-merkanzija, Vapur li jaħdem bl-istim, Linji tal-barkuni.
Operatur tat-Terminal	Tfisser entità organizzazzjonali, li saret responsabbli għall-ġestjoni ta' marshalling yard, ta' terminal multimodali jew intermodali, ta' terminal tal-port
TETA	Ara Ħin Stmat tal-Wasla tal-Ferrovija
Traċċar	Attività fuq talba tas-sejba u tar-rikostruzzjoni tal-istorja tat-trasport ta' konsenja, ta' vettura, ta' tagħmir, ta' pakkett jew ta' merkanzija partikolari.

Terminu	Deskrizzjoni
Trekkjar	Attività ta' monitoraġġ u ta' reġistrazzjoni sistematiċi tal-post u tal-istatus attwali ta' konsenja, ta' vettura, ta' tagħmir, ta' pakkett jew ta' merkanzija partikolari.
Ferrovija	Definizzjoni tat-TSI dwar l-OPE: Ferrovija hija definita bħala unità(jiet) ta' trazzjoni bi jew mingħajr vetturi ferrovjarji akkoppjati b'*data* dwar il-ferrovija disponibbli li topera bejn żewġ punti definiti jew aktar.
Ħin Stmat tal-Wasla Tal-Ferrovija	Il-Ħin Stmat tal-Wasla ta' ferrovija f'punt speċifiku, eż. punt ta' trasferiment, punt ta' skambju, destinazzjoni tal-ferrovija.
Mogħdija tal-ferrovija	Ara "mogħdija"
Trażbord	L-operazzjoni ta' unitajiet ta' tagħbija intermodali mobbli minn mezz tat-trasport għal ieħor.
Pjan tal-vjaġġ	Għal vagun jew għal unità intermodali, dan juri l-vjaġġ ta' referenza pjanat tal-vagun/unità intermodali.
Kapaċità tal-unità użata	Kodiċi li jindika sa liema punt it-tagħmir ikun mgħobbi jew vojt. (eż. mimli, vojt, LCL).
Tagħbija ta' Unità	Numru ta' pakketti individwali mqabbdin ma' xulxin, fuq pelits jew marbutin flimkien sabiex jifformaw unità waħda għal maniġġ aktar effiċjenti minn tagħmir mekkaniku.
Ferrovija unità	Ferrovija tal-merkanzija mibgħuta b'nota ta' konsenja waħda biss u b'tip wieħed biss ta' merkanzija u magħmula minn vaguni uniformi li jimxu minn konsenjatur għal konsenjatarju mingħajr marshalling intermedju.
Tagħbija tal-vagun	Tagħbija ta' unità li tkun vagun.
Ordni tal-konsenja	Subsett tan-nota ta' konsenja li juri l-informazzjoni rilevanti għal RU, meħtieġa sabiex titkompla t-trasportazzjoni fi ħdan ir-responsabbiltà tiegħu sat-trasferiment lill-RU li jmiss. Struzzjoni għat-trasportazzjoni ta' konsenja ta' vaguni.
Polza tal-vjeġġ	Id-dokument magħmul mit-trasportatur jew f'isem it-trasportatur bħala prova tal-kuntratt għat-trasport tal-merkanzija.

([1]) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nri 1191/69 u 1107/70 (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 1).

Appendiċi III

- Kompiti li għandhom jitwettqu mill-Punt ta' Kuntatt Nazzjonali (NCP) tat-TAF/TAP

(1) Jaġixxi bħala punt ta' kuntatt bejn l-Aġenzija, u l-atturi ferrovjarji (Maniġers tal-Infrastruttura, Impriżi Ferrovjarji, Detenturi tal-Vaguni, Maniġers tal-Istazzjonijiet, Bejjiegħa tal-Biljetti, Operaturi Intermodali, Klijenti tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija u assoċjazzjonijiet rilevanti) fl-Istat Membru sabiex jiġi żgurat li l-atturi ferrovjarji jkunu involuti mat-TAF u mat-TAP u jkunu konxji tal-iżviluppi ġenerali u tad-deċiżjonijiet tal-Kumitat ta' Tmexxija.

(2) Jikkomunika t-tħassib u l-fehmiet dwar l-implimentazzjoni u l-operazzjoni tat-TSI dwar it-TAF tal-atturi ferrovjarji fl-Istat Membru lill-Kumitat ta' Tmexxija tat-TAF/TAP wara analiżi mill-Grupp ta' Kooperazzjoni għall-Implimentazzjoni.

(3) Iżomm kuntatt mal-membru tal-Kumitat dwar l-Interoperabbiltà u s-Sikurezza Ferrovjarja (RISC) tal-Istati Membri filwaqt li jiżgura li l-membru tal-RISC jiġi informat dwar kwistjonijiet nazzjonali relatati mat-TAF/TAP qabel kull laqgħa tal-RISC u jiżgura li d-deċiżjonijiet tal-RISC relatati mat-TAF/TAP jiġu kkomunikati b'mod xieraq lill-atturi ferrovjarji affettwati.

(4) L-Istat Membru jiżgura li l-Impriżi Ferrovjarji liċenzjati kollha u atturi ferrovjarji oħra (Maniġers tal-Infrastruttura, Impriżi Ferrovjarji, Detenturi tal-Vaguni, Maniġers tal-Istazzjonijiet, Operaturi Intermodali, Klijenti tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija u assoċjazzjonijiet rilevanti) jiġu kkuntattjati u pprovduti bid-dettalji tal-NCP u jingħataw pariri li jagħmlu kuntatt mal-NCP jekk ma jkunux diġà għamlu kuntatt.

(5) Sa fejn ikunu magħrufa l-atturi ferrovjarji fl-Istat Membru, jagħmilhom konxji tal-obbligi tagħhom skont ir-regolamenti dwar it-TAF u t-TAP u li jridu jikkonformaw magħhom (fir-rigward tal-implimentazzjoni u tal-operazzjoni tat-TSI dwar it-TAF).

(6) Jikkollabora mal-Istat Membru sabiex jiżgura li jaħtar entità li tkun responsabbli sabiex tippopola l-Bażi ta' *Data* Ċentrali tal-Fajls ta' Referenza b'kodiċijiet ta' lokalizzazzjoni primarja. L-identità tal-entità maħtura għandha tiġi rrapportata lid-DĠ MOVE għad-distribuzzjoni xierqa.

(7) Jiffaċilita l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn l-atturi ferrovjarji tal-Istati Membri (Maniġers tal-Infrastruttura, Impriżi Ferrovjarji, Detenturi tal-Vaguni, Maniġers tal-Istazzjonijiet, Bejjiegħa tal-Biljetti, Operaturi Intermodali, Klijenti tat-Trasport Ferrovjarju tal-Merkanzija u assoċjazzjonijiet rilevanti) fl-Istat Membru.